# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 21 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 15**

**Rikors maħluf numru 91/2011/2 MCH**

***Hompesch Station Limited* (C-25848)**

***v.***

**1. Korporazzjoni *Enemalta*, illum *Enemalta p.l.c.* (C-65836);**

**2. l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, u b'nota tas-6 ta' Novembru 2015 ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma assuma l-atti minflok l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi;**

**3. il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, u b'nota tal-5 ta' Novembru 2014 il-Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa – illum Ministru għall-Enerġija, Intrapriża, u Żvilupp Sostenibbli – assuma l-atti minflok il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali; u**

**4. *General Retailers and Traders Union*, illum *Malta Chamber of SME's***

1. L-erba' konvenuti appellaw, separatament, minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Novembru 2015 li laqgħet it-talba ta-soċjetà attriċi għal dikjarazjoni li għemil anti-kompetitiv u diskriminatorju tal-konvenuti kkawża danni lill-attriċi, illikwidat id-danni fis-somma ta' mitejn u tnejn u erbgħin elf, tmien mija u sitta u tletin euro u sitta u sittin ċenteżmu (€242,836.66), u kkundannat lill-konvenuti flimkien *in solidum* iħallsu d-danni hekk likwidati lill-attriċi.

2. Fir-rikors li bih inbdiet il-kawża l-attriċi fissret hekk il-fatti li wasslu għall-kawża:

> »Nhar l-10 ta' Mejju 2000 l-esponenti [is-soċjetà attriċi] xtrat mingħand *Velga Brothers Limited* u bdiet topera *petrol station* ġewwa Ħaż Żabbar minn fejn kienet tbigħ il-karburant, partikolarment *diesel* u *petrol* u prodotti oħra simili li hi kienet tixtri mingħand il-korporazzjoni intimata li hija l-uniku provveditur tal-prodotti msemmija. L-esponenti baqgħet tiġġestixxi l-*petrol station* sa ma bigħetha lil terzi nhar id-9 ta' Awissu 2010.
>
> »Il-korporazzjoni intimata kienet tikkonċedi lill-pompi tal-*petrol* kummissjoni bażika ta' €0.0295 għal kull litru mixtri mill-prodotti fuq indikati, liema kummissjoni kienet tingħata fil-forma ta' *discounts* fuq il-prezz ta' karburant mixtri.
>
> »Fit-18 ta' Marzu 1997 kien intlaħaq ftehim bejn l-intimati *General Retailers and Traders Union* (*GRTU*) u l-Korporazzjoni *Enemalta* illi permezz tiegħu l-kummissjoni mogħtija kellha tiżdied għal €0.0388 kull litru ta' *petrol* u *diesel* dment illi l-pompi tal-petrol:
>
> »(i) jistallaw pompi awtomatiċi (*automated pumps*) fejn il-pagament isir fil-makna stess, u
>
> »(ii) joperaw biss fil-ħinijiet indikati fl-istess ftehim.
>
> »Sidien tal-pompi li ma jissottomettux ruħhom għal dan il-ftehim kellhom jiġu penalizzati billi jiġi dedott l-ammont ta' €0.0093 mill-kummissjoni msemmija u dan għal kull litru *petrol* jew *diesel* skond il-każ.
>
> »Il-kumpannija *Velga Brothers Limited*, illi fiż-żmien imsemmi kienet tiġġestixxi l-*petrol station*, stallat pompi awtomatiċi kif imsemmi fil-ftehim, iżda sussegwentement bdiet topera sistema semi-awtomatika fejn il-konsumatur personalment jimla l-vettura tiegħu bil-karburant imma mbagħad iħallas lill-kaxxier.
>
> »Din is-sistema irriżultat ferm popolari mal-konsumaturi tant illi kien hemm żieda konsiderevoli fil-bejgħ meta mqabbel ma' pompi oħra li jużaw is-sistema awtomatika.

»Wara pressjoni minn kompetituri tar-rikorrenti illi kienu membri tal-*GRTU*, il-korporazzjoni intimata sostniet illi *Velga Brothers Limited* ma kinitx qed tottempera ruħha mal-kundizzjonijiet tal-ftehim u għalhekk ma kinitx intitolata għal żieda fil-kummissjoni.

»*Inoltre*, nhar il-11 ta' Frar 1999 il-*GRTU* iċċirkolat lill-operaturi ta' *petrol stations* deċiżjoni tagħha meħuda waqt il-laqgħa annwali tal-5 ta' Jannar 1999 illi permezz tagħha:

»(i) l-ebda persuna ma kellha tkun preżenti fil-pompi tal-*petrol* wara s-sitta ta' filgħaxija jew fi Ħdud u festi pubbliċi, u

»(ii) l-uniku servizz li dawn il-pompi kellhom jagħtu lill-klijenti tagħhom barra l-ħinijiet tal-ftuħ kellu jkun esklussivament permezz ta' *automatic pumps* li jirċievu flus jew karti ta' kreditu.

»B'risposta għal din l-azzjoni, *Velga Brothers Limited* intavolat ilment quddiem l-Uffiċju tal-Kompetizzjoni Ġusta li nhar it-2 ta' Diċembru 1999 iddeċieda li l-azzjoni li sar ilment dwarha għandha titqies anti-kompetittiva u projbita *ai termini* tal-artikolu 5 tal-Kap. 379.

»*Ciononostante*, il-ftehim tal-1997 ġie użat bħala bażi għal ftehim ġdid bejn l-istess *GRTU* u l-Korporazzjoni *Enemalta* fejn gie miftiehem:

»(i) illi l-kummissjoni kellha tiżdied b'€0.0069 kull litru,

»(ii) illi l-*petrol stations* kellhom issa joffru servizz ta' 24 siegħa kuljum lill-konsumatur,

»(iii) illi barra l-ħinijiet tal-ftuħ is-servizz tal-*petrol stations* kellu jingħata biss permezz ta' pompi awtomatiċi u li ma kellu jkun hemm ebda *attendant*.

»B'riflessjoni ta' dan il-ftehim, u tad-"deċiżjoni" li kienet ħadet il-*GRTU* fl-1999, nhar is-17 ta' Jannar 2001 l-*Enemalta* daħħlet klawżola fil-liċenzja magħrufa bhala *PS 45* li kienet tgħid li l-uniċi *petrol stations* awtorizzati jagħtu servizz lill-pubbliku wara l-ħinijiet normali tal-ftuħ kellhom ikunu dawk li jużaw sistema awtomatika:

> »"outside normal hours, Mondays to Fridays 6.00 *am* to 6.00 *pm*, Saturdays 6.00 *am* to 3.00 *pm*, petrol stations may operate their pumps using the 'automated mode pumps' only, without any assistance of any attendant or the owner of the pump."

»Sadanittant, fl-10 ta' Mejju 2000 ir-rikorrenti kienet xtrat il-pompa mingħand *Velga Brothers Limited*.

»Għalhekk fit-13 ta' Settembru 2001 ir-rikorrenti bħala l-operatriċi l-ġdida tal-*petrol station* ippreżentat ilment mal-intimata Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi *in vista* tal-obbligi ta' din l-awtorità li tkun ir-regolatur u li tassigura kompetizzjoni ġusta fil-kamp tar-riżorsi ta' enerġija, ilma u minerali *ai termini* tal-Kapitolu 423 tal-Liġijiet ta' Malta.

»L-awtorità msemmija, f'deċiżjoni tal-24 ta' Settembru 2002, ikkon-kludiet illi l-Korporazzjoni *Enemalta* kellha tħallas lir-rikorrenti l-kum-missjoni sħiħa "*for as long as the complainant offers a 24-hour service to the consumer, irrespective of the mode of operation of such a service*". *Inoltre*, nhar is-7 ta' Novembru 2002 l-awtorità intimata ħarġet direttiva fil-konfront tal-korporazzjoni intimata fejn ordnatilha illi ma tibqax tiddiskrimina bejn metodi ta' distribuzzjoni u sabiex tħallas lir-

rikorrenti l-istess kummissjoni li kienu qed jitħallsu l-pompi li jużaw is-sistema awtomatika.

»Bi ksur ċar tal-ordnijiet tal-awtorità intimata, mhux talli l-Korporazzjoni *Enemalta* ma waqqfitx l-aġir anti-kompetittiv tagħha, iżda talli, f'ittra tas-27 ta' Novembru 2002, insistiet illi, sabiex ir-rikorrenti tużufruwixxi mill-kummissjoni reviżjonata, hija kellha tiffirma dikjarazzjoni biex tintrabat illi wara "ħinijiet normali tal-ftuħ" tuża esklusivament "*automated pump system*" mingħajr ebda *attendant* fuq il-post. Ir-rikorrenti *Hompesch Station Limited* iffirmat tali obbligu fis-27 ta' Marzu 2003 iżda insistiet li qed tagħmel dan mingħajr preġudizzju għad-drittijiet lilha spettanti.

»Sadanittant dan il-ftehim anti-kompetittiv rigward ħinijiet tal-ftuħ u l-modalità tas-servizz matul dawn il-ħinijiet gie saħansitra inkorporat u ikkristallizzat f'Avviż Legali numru 102 tal-2002. Ir-riżultat ta' dan kien illi kull meta r-rikorrenti, abbażi tad-deċiżjoni favuriha tal-*MRA*, ippruvat tiftaħ wara l-ħinijiet legali bil-preżenza ta' *attendant*, ittieħdu passi kriminali kontra d-diretturi tagħha għal ksur tal-Avviż Legali msemmi wara rapporti lill-pulizija li jidher li kienu jsiru mill-*GRTU* jew membri tagħha.

»Il-kumpannija rikorrenti bagħtet diversi ittri lill-intimata Awtorità Maltija dwar ir-Riżorsi li f'ittra tat-28 ta' Mejju 2004 infurmat lir-rikorrenti illi "*the authority is in the process of overviewing the whole regulatory regime of petrol stations*" u li l-Avviż Legali 102 tal-2002 "*will be reviewed and incorporated in legislation subsidiary to the Malta Resources Authority Act*. Ir-rikorrenti ġiet ukoll assikurata illi "*the implementation of the new regime is foreseen to be in the short term*". Minkejja dan, l-Avviż Legali ġie sussegwentement sostitwit bl-Avviż Legali 1 tal-2006 illi għadu jirrifletti l-ftehim anti-kompetittiv bejn il-Korporazzjoni *Enemalta* u l-*GRTU* u għadu sallum applikabbli. Ir-rikorrenti bagħtet ukoll wkoll ittri lill-*Consumer and Competition Division* u lill-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta, minbarra li baqgħet f'kuntatt kontinwu mal-Awtorità Maltija għar-Riżorsi.

»Fl-2005 ir-rikorrenti ressqet l-ilmenti tagħha dwar din is-sitwazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea, li però stednitha sabiex l-ewwel tirrapporta lill-Uffiċċju tal-Kummerċ Ġust f'Malta. L-ilment għalhekk tressaq quddiem l-Uffiċċju tal-Kummerċ Ġust fl-4 ta' Jannar 2006 u dwar dan ingħatat deċiżjoni minn dan l-uffiċju fis-17 ta' Marzu 2009 li ġiet indirizzata lir-rikorrenti, lill-intimati Korporazzjoni *Enemalta* u lill-*GRTU*.

»L-Uffiċċju tal-Kummerċ Ġust sab ksur tal-Att dwar il-Kompetizzjoni u dan għaliex, skond l-uffiċċju:

> »"(i) The individual undertakings [made by] members of GRTU through their collusion, (ii) the agreements between GRTU and Enemalta, which agreements constitute a decision, (iii) the individual agreements between Enemalta Corporation and the petrol station owners infringed article 5(1) of the Competition Act 1994 by (a) fixing trading conditions in the retail fuel market (b) limiting or controlling the retail fuel market, (c) imposing the application of dissimilar conditions to equivalent transactions with other parties outside such agreement, thereby placing them at a competitive disadvantage."

»L-Uffiċċju tal-Kummerċ Ġust sab ukoll illi l-Avviż Legali 1 tal-2006 jirrepeti kelma b'kelma il-*licensing conditions* anti-kompetittivi tal-

*Enemalta* u fid-dawl ta' dan irrakkomanda illi bil-liberalizzazzjoni tas-suq dawn ir-restrizzjonijiet anti-kompetittivi għandhom jitneħħew. Madanakollu, l-uffiċċju iddeċieda illi ma kellux il-poter li jiddikjara tali Avviż Legali anti-kompetittiv u bla effett u dan għaliex ma rriżultalux illi l-aġir anti-kompetittiv jaffettwa n-negozju bejn stati membri tal-Unjoni Ewropea, bi ksur tal-artikolu 81 u 82 tat-Trattat li Jistabilixxi l-Komunità Ewropea.

»Kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-intimata Korporazzjoni *Enemalta* talbu lid-Direttur tal-Uffiċċju tal-Kummerċ Ġust jissottometti d-deċiżjoni għall-istħarrig tal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust kif fil-fatt sar.

»F'deċiżjoni mogħtija nhar id-29 ta' Marzu 2010 fl-ismijiet *Hompesch Service Station Limited v.* Korporazzjoni *Enemalta*, il-Gvern ta' Malta u l-Awtorità Maltija dwar ir-Riżorsi (ilment 1/2009) il-kummissjoni sabet: (a) illi l-ftehim li l-intimata *GRTU* laħqet mal-Korporazzjoni *Enemalta* fit-18 ta' Marzu 1997 u li baqa' jiġi żviluppat għal snin wara u saħansitra kristallizzat f'Avviżi Legali illi jorbtu lill-operaturi tal-pompi tal-petrol b'ħinijiet ta' ftuħ u metodoloġija ta' bejgħ tal-*fuel* jikkostitwixxi akkordju, deċiżjoni jew prattika illi timpedixxi, trażżan jew ixekkel il-kompetizzjoni ġusta bi ksur tal-liġi, (b) illi tali operat, kif orkestrat mill-*GRTU*, ippreċipita lill-amministrazzjoni governattiva f'aġir anti-kompetittiv ipprojbit u lill-awtorità intimata f'inattività regolatriċi illi effettivament illimitaw u ikkontrollaw is-suq tal-bejgħ tal-karburant.

»Il-kummissjoni saħansitra sejħet l-Avviż Legali 1 tal-2006 bħala "disprezz lejn il-prinċipji kollha ta' kompetizzjoni ġusta kif mifhuma fil-Komunità Ewropea" u, għalkemm ikkonkludiet illi ma kellhiex il-poter li thassar l-Avviż Legali, ordnat illi d-deċiżjoni tiġi trasmessa lill-awtoritajiet kompetenti sabiex il-liġi tkun tista' tiġi emendata.

»Bħala konsegwenza diretta u konsistenti tal-aġir diskriminatorju u anti-kompetittiv tal-Korporazzjoni *Enemalta* u *GRTU*, u tal-inattività tal-Ministru u l-Awtorità intimati li anzi aġevolaw tali aġir illegali, il-kumpannija rikorrenti sofriet matul is-snin danni illi jikkonsistu *inter alia* f'nuqqas ta' ħlas ta' kummissjoni sħiħa mill-intimata Korporazzjoni *Enemalta* kif ukoll f'telf ta' bejgħ illi wassal għal telf ta' profitti u kummissjoni. Dan it-telf jirriżulta ċar meta wieħed iqabbel il-volum ta' bejgħ bis-sistema *fully automatic* ma' dak bis-sistema *semi-automatic* illi kienet ferm aktar popolari mal-konsumaturi.

»Għandu jingħad illi b'kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Alex Sciberras Trigona tal-10 t'Awissu 2010 ir-rikorrenti bigħet il-pompa lil terzi però ma sar ebda trasferiment ta' drittijiet ta' litiġju u dan bl-intendiment illi kwalunkwe drittijiet u obbligi relatati mal-operat tal-pompa sad-data tal-bejgħ tagħha ikunu a karigu tal-kumpannija rikorrenti *Hompesch Station Limited*.

»L-intimati, għalkemm interpellati sabiex jaddivjenu għal ħlas tal-imsemmija danni inkluż b'ittri uffiċjali tad-29 ta' Mejju 2009 u tal-10 ta' Ġunju 2010 baqgħu inadempjenti u għalhekk qed issir din il-kawża.«

3. L-attriċi għalhekk talbet illi l-qorti:

»(i) tiddikjara illi l-aġir anti-kompetittiv u diskriminatorju tal-intimati jew min minnhom ikkawża danni lir-rikorrenti *Hompesch Station*

*Limited* konsistenti *inter alia* iżda mhux limitatament f'telf ta' kummissjoni u ta' profitti;

»(ii) tillikwida d-danni sofferti mill-kumpannija rikorrenti … … …;

»(iii) tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lill-kumpannija rikorrenti id-danni hekk likwidati.«

4. L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi ["l-awtorità"] – illum ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma ["ir-regolatur"] – wieġbet hekk:

»1. … … … it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti *stante* illi l-awtorità ma tistax tinżamm responsabbli flimkien jew *in solidum* mal-konvenuti l-oħra għal kwalunkwe operat tal-konvenuti l-oħra li jista' jiġi dikjarat bħala illegali jew illeċitu u/jew tali li jirrendi l-istess konvenuti l-oħra responsabbli għal xi danni;

»2. … … … ma kien hemm l-ebda aġir min-naħa tal-awtorità li huwa illegali u t-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti fil-fatt u fid-dritt peress illi l-esponenti aġixxiet u qdiet il-funzjonijiet tagħha *entro* l-parametri u drittijiet legali tagħha, *in buona fede* u b'mod raġonevoli kif ukoll fi kwalunkwe każ l-esponenti ma ikkommettiet ebda ħtija u għalhekk l-esponenti ma tista tinstab ħatja jew responsabbli għal ebda allegati danni konsegwenzjali għad-deċiżjonijiet, funzjonijiet, drittijiet jew operat tagħha;

»3. … … … ma hemm ebda danni li għandhom jiġu likwidati favur l-atturi.«

5. Il-Korporazzjoni *Enemalta* ["*Enemalta*"] ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

»1. Preliminarjament il-kawża attriċi kif proposti hija nulla, insostenibbli u għandha tiġi miċħuda in kwantu kwalunkwe talba għal dikjarazzjoni ta' responsabilità u eventwali likwidazzjoni ta' danni kellha f'dawn il-proċeduri stess tkun fl-ewwel lok preċeduta b'talba għal dikjarazzjoni li l-korporazzjoni intimata kienet responsabbli ċivilment ta' delitt, liema dikjarazzjoni hija essenzjali għal kawża ta' dan it-tip u ma tistax tiġi rimedjata, u dan għaliex skont il-prinċipju sakrosant tad-distinzjoni bejn il-kawża ċivili u l-kawżi kriminali u/jew amministrattivi, tali responsabilità trid tiġi stabbilita awtonomament f'dawn il-proċeduri ċivili u bl-ebda mod ma' tista' tiġi dedotta jew, agħar u agħar, meħuda bħala stabbilita minn proċess awtonomu ieħor, penali jew amministrattiv, kif ipproponiet is-soċjetà attriċi fir-rikors promotur;

»2. Preliminarjament ukoll … it-talbiet attriċi huma preskritti *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) u sussidjarjament *ai termini* tal-artikolu 2154(1) tal-Kap. 16; l-istess talbiet huma preskritti wkoll skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 27 [*recte*, 26] tal-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta), u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetà attriċi;

»3. … … … fuq il-mertu, il-korporazzjoni ma hi responsabbli għal ebda delitt ċivili li jemana minn ksur ta' liġi għaliex anke l-Kummissjoni

tal-Kummerċ Ġust sabet li l-prassi anti-kompetittiva stabbilita kienet temana mill-ftehim tal-1997 bejn l-*Enemalta* u l-*GRTU*, ossija ftehim esegwit fi żmien meta l-*Enemalta* ma kinetx sindakabbli taħt il-liġi tal-kompetizzjoni, u mbagħad susegwentement mill-Avviż Legali Nru 102 tal-2002, li għalih ċertament ma tirrispondix l-*Enemalta* għaliex evidentement l-*Enemalta* ma tippromulgax liġijiet. Kwindi l-esponenti qatt ma kienet responsabbli għal ebda delitt fil-konfront tar-rikorrenti u d-danni konsegwenzjali;

»4. … … … ma jissusistix in-ness bejn il-kawża u l-effett rikjest mil-liġi sabiex l-Korporazzjoni *Enemalta* tiġi dikjarata responsabbli għad-danni anke għaliex l-allegat aġir anti-kompetittiv jemana mill-ftehim tal-1997 liema ftehim kienet parti fih l-istess soċjetà rikorrenti u liema soċjetà rikorrenti ma kienx baqa' jogħġobha aktar dak il-ftehim sempliċement għaliex il-makkinarju li ġabet biex topera taħt dak il-ftehim kien difettuż. It-talbiet kif dedotti allura jippermettu lis-soċjetà attriċi tibbenefika mill-aġir illegali tagħha stess, għaliex trid żewġ naħat biex ikun hemm ftehim, ħaġa li hija inammissibbli fil-kuntest ta' kawża għal danni ċivili anke jekk fil-kuntest tal-liġi tal-kompetizzjoni l-istess membri ta' ftehim illegali jistgħu jkunu *whistleblowers* ta' aġir anti-kompetittiv;

»5. … … … it-talba għal riżarċiment ta' danni konsistenti "f'telf ta' kummissjoni" hija legalment insostenibbli in kwantu dik il-kummissjoni dovuta mill-*Enemalta* lir-rikorrenti kienet *se mai* hekk dovuta taħt dak l-istess ftehim tal-1997 u ftehim sussegwenti liema ftehim kemm fid-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta kif ukoll fil-konferma permezz tas-sentenza tal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust ġew fuq istanza tal-attriċi nfisha dikjarati nulli in kwantu jiksru d-disposizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-soċjetà attriċi ma tistax fl-istess nifs tmexxi biex tannulla dawk il-ftehim imbagħad f'istanza separata bħal din titlob il-ħlas tal-kummissjoni spettanti lilha taħt dak il-ftehim;

»6. Fi kwalunkwe każ it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.«

6. Il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali – illum Ministru għall-Enerġija, Intrapriża, u Żvilupp Sostenibbli ["il-ministru"] – ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

»1. preliminarjament, fil-waqt li jiċħad l-allegazzjonijiet vantati fir-rikors ġuramentat bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, l-esponent Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali jirrileva li huwa mhux il-leġittimu kuntradditur f'din il-kawża *stante* illi l-mansjoni tiegħu ma tinkludix il-ġestjoni u l-operat ta' pompa tal-*petrol* u dan a tenur tal-artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

»2. l-esponenti jsostni bil-qawwa li huwa ma kienx parti mill-ftehim li kien intlaħaq bejn il-*General Retailers and Traders Union* u l-Korporazzjoni *Enemalta*;

»3. ir-rikorrenti esklamaw b'mod univoku li fid-deċiżjoni tagħha tal-24 ta Settembru tal-2002 l-Awtorità ta' Malta għar-Riżorsi kitbet b'mod ċar

li l-Korporazzjoni *Enemalta* kellha thallas lir-rikorrenti l-kummissjoni sħiħa "*for as long as the complainant offers a 24-hour service to the consumer, irrespective of the mode of operation of such a service*";

»4. *inoltre*, fis-7 ta' Novembru tal-2002, l-Awtorita ta' Malta għar-Riżorsi ħarġet direttiva kontra l-Korporazzjoni *Enemalta* sabiex ma tkomplix bl-aġir allegatament diskriminatorju;

»5. il-ministru esponenti jiċħad bil-qawwa kollha li hu baqa' inattiv jew b'xi mod aġevola xi aġir da parti ta' xi awtorità, iżda l-aġir tiegħu dejjem kien fil-parametri tal-liġi u fil-konfini tal-mansjonijiet u funzjonijiet mogħtija lilu skond id-dekasteru tiegħu;

»6. f'każ li l-kumpannija rikorrenti tassew sofriet xi danni, dawn id-danni m'għandhomx jiġu mħallsa la *in toto* u lanqas *in parte* mill-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali esponenti *stante* r-raġuni fuq esposta.«

7. Il-*General Retailers and Traders Union* – illum Malta Chamber of SMEs ["il-*union*"] – ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

»1. preliminarjament il-*union* intimata m'hijiex il-leġittima kontradittura [*sic*] għat-talbiet rikorrenti u timmerita li tiġi illiberata mill-osservanza tal-ġudizzju immedjatament *stante* illi l-ebda ftehim milħuq mill-*union* konvenuta ma kien ta' preġudizzju lid-drittijiet tas-soċjetà rikorrenti naxxenti mill-operat tagħha ta' pompa tal-*petrol stante* illi l-istess *union* dejjem ħadmet *in buona fede* fl-interess tal-komunità kummerċjali kollha inkluż l-istess rikorrenti;

»2. … … … il-*union* intimata qatt ma intralċjat fid-drittijiet tar-rikorrenti milli teżerċita d-drittijiet privati tagħha indipendentement u mhux *tramite union* li hija debitament awtorizzataha sabiex tirrapprezentaha, u konsegwentement il-*union* intimata qatt ma tista' tinzamm responsabbli għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' danni li qatt ma kienet f'pożizzjoni li tikkawża;

»3. … … … is-soċjetà rikorrenti qatt ma ġiet prekluża mill-*union* intimata milli tinnegozja kummissjonijiet dovuti lilha mal-intimati l-oħra, jew min minnhom, indipendetement minn kwalunkwe ftehim milħuq mal-kompetituri tagħha membri tal-*union* intimata;

»4. … … … kull ftehim milħuq mill-*GRTU* mal-*Enemalta* jirrifletti l-interessi tal-membri tagħha sidien ta' pompi tal-*petrol* f'pajjiżna li eżerċitaw id-dritt kostituzzjonali tagħhom ta' assoċjazzjoni u għalhekk il-*union* intimata ma tistax tinżamm responsabbli għal ħlas ta' kwalunkwe danni allegati mir-rikorrenti.«

8. L-ewwel qorti laqgħet it-talbiet tal-attriċi, iddikjarat l-għemil tal-konvenuti bħala "anti-kompetitiv u diskriminatorju", illikwidat id-danni li ġarrbet l-attriċi fis-somma ta' mitejn u tnejn u erbgħin elf, tmien mija u sitta u tletin euro u sitta u sittin ċenteżmu (€242,836.66), u kkun-

dannat lill-konvenuti flimkien *in solidum* iħallsu lill-attriċi d-danni hekk likwidati flimkien mal-imgħax u l-ispejjeż. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Is-soċjetà rikorrenti qed titlob li dina l-qorti tiddikjara illi l-aġir anti-kompetittiv u diskriminatorju tal-intimati jew min minnhom ikkawżalha danni konsistenti *inter alia* iżda mhux limitatament f'telf ta' kummissjoni u profitti.

»*Eċċezzjonijiet Preliminari*

»*Leġittimu Kontradittur*

»Il-Korporazzjoni *Enemalta* wieġbet li hi mhijiex sindakabbli u lanqas ma hija responsabbli għal ebda danni billi ma ppromulgat l-ebda liġi b'referenza għal Avviż Legali 102 tal-2002.

»Il-*GRTU* eċċepiet illi hija mhijiex il-leġittima kontradittur *stante* illi l-ebda ftehim milħuq bejnha u l-korporazzjoni ma kien ta' preġudizzju għad-drittijiet tas-soċjetà rikorrenti.

»Il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali eċċepixxa li huwa mhux il-leġittimu kuntradditur f'din il-kawża *stante* (1) illi l-mansjoni tiegħu ma tinkludix il-ġestjoni u l-operat ta' pompa tal-*petrol*; (2) *ai termini* tal-artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili mhux hu kien ippromulga l-Avviżi Legali fl-2002 u 2006 imma l-ministru res-ponsabbli għall-kummerċ; (3) u li hu qatt ma kien parteċipi fil-ftehim bejn il-Korporazzjoni *Enemalta* u l-*GRTU*. L-intimat isemmi wkoll li ma saret ebda azzjoni mis-soċjetà rikorrenti biex jiġi dikjarat li l-imsemmija liġijiet huma diskriminatorji, anti-kompetittivi u għalhekk nulli.

»L-intimati kollha għandhom personalità ġuridika awtonoma u għal-daqstant kull azzjoni jew deċiżjoni li ħadu u li biha s-soċjetà rikorrenti ntlaqtet negattivament għandhom jirispondu għaliha huma skond il-liġi.

»Huwa risaput illi min jeċċepixxi li mhux il-leġittimu kuntradittur jeħtieġlu jiddemostra, u wkoll jiddiżimpenja ruħu bi provi adegwati, illi hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza. Sabiex jiġi stabbilit jekk persona hijiex jew le l-leġittimu kontradittur ta' parti f'kawża, jeħtieg li fl-ewwel lok jiġi stabbilit fuq bażi ta' *prima facie* jekk il-persuna li ġiet imħarrka kinitx materjalment involuta f'dak li minnu qiegħda tilmenta l-attriċi, *cioè* jekk bl-aġir tiegħu ħoloqx relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini kif ġew proposti mill-attriċi (Grace Sacco *v.* Supretendent Mediku fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex *et*, 16/10/2007).

»Il-Korporazzjoni *Enemalta* qed issostni li qabel is-sena 2004 hija setgħet tidħol fi ftehim anke anti-kompetittiv mal-*GRTU* u ma kinitx tkun qed tikser l-liġi. Hi ma emanatx il-liġi li setgħet wasslet għall-effetti anti-kompetittivi minħabba reġim regolatorju implimentat mill-ministru responsabbili permezz tal-Avviż Legali 102/2002. Fil-fehma tal-qorti għalkemm il-korporazzjoni ma ppromulgat ebda liġi iżda l-istess liġi inkorporat l-istess ftehim anti-kompetittiv li għamlet il-korporazzjoni u l-liġi saret fl-interess tagħha u gawdiet minnha hija. L-azzjoni mressqa

mis-soċjetà rikorrenti tittratta l-kwistjoni dwar l-għoti ta' kummissjoni inqas mill-korporazzjoni lil dawk id-distributuri li ma jużawx is-sistema awtomatika wara ċertu ħinijiet u fil-festi u l-Ħdud. Il-korporazzjoni rabtet l-eliġibilità għal ħlas ta' ċerta kummissjoni mal-mod ta' distribuzzjoni tal-karburant b'konsegwenzi finanzjarji negattivi għas-soċjetà rikorrenti. Għalhekk il-korporazzjoni trid twieġeb għal dan l-allegat aġir anti-kompetittiv li kkawża danni lis-soċjetà rikorrenti.

»L-istess trid twiegeb il-*GRTU* li kienet parti f'dan il-ftehim anti-kompetittiv li kien ta' preġudizzju għad-drittijiet tas-soċjetà rikorrenti, u bil-ftehim li hija għamlet mal-Korporazzjoni *Enemalta* intralċjat fid-drittijiet tar-rikorrenti milli teżerċita d-drittijiet privati tagħha f'suq liberu u ġiet prekluża milli tinnegozja liberament il-kummissjoni dovuta lilha mill-korporazzjoni.

»L-intimat Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali għandu jwieġeb għat-talbiet tas-soċjetà rikorrenti billi anke jekk jista' jagħti l-każ li huwa ma ħariġx direttament il-liġi anti-kompettitiva, xorta waħda hu qiegħed imħarrek bħala l-ministru responsabbli mill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, li hija wkoll intimata f'din il-kawża. Il-ministru japprova l-*policies* mentri l-awtorità hija r-regolatur. Jiġi rilevat li mhux neċessarju li l-intimat jopera fisikament il-pompi tal-*petrol* jew li jkun parti fil-ftehim bejn l-*Enemalta* u l-*GRTU* biex fir-rwol tiegħu jkun responsabbli wkoll li kien parteċipi fl-aġir diskriminatorju u anti-kompetittiv. (Jiġi notat li f'dina l-kawża dan l-intimat la xehed u lanqas ressaq provi in sosten ta' dak li sostna).

»Għalkemm l-Awtorità dwar ir-Riżorsi formalment ma tatx l-eċċezzjoni li hija mhijiex il-leġittimu kontradittur, fl-eċċezzjoni tagħha hija sostanzjalment qed tgħid l-istess ħaġa meta wieġbet li hi ma tistax tinżamm responsabbli flimkien jew *in solidum* mal-konvenuti l-oħra għal kwalunkwe operat tal-konvenuti li jista' jiġi dikjarat bħala illegali jew illeċitu; anzi hija tgħid li aġixxiet u qdiet il-funzjonijiet tagħha *entro* l-parametri u drittijiet legali tagħha u *in buona fede*.

»Tiddefendi ruħha billi tgħid ukoll li ma kellha ebda mekkaniżmu biex tenforza id-deċiżjoni tagħha u li ma setgħetx taġixxi awtonomament minħabba l-miżuri leġislativi mgħoddija.

»Jirriżulta li l-awtorità kienet inġibditilha l-attenzjoni tagħha mis-soċjetà rikorrenti għal ksur li kien qed isir u hija kienet indikat lis-soċjetà rikorrenti li kienet se tipproċedi biex titutela d-drittijiet tagħha billi infurmatha li "*the authority is in the process of overviewing the whole regulatory regime of petrol stations, and it is our intention that the provisions included in the said Regulations relating to commercial activities regulated by MRA would be reviewed and incorporated in legislation subsidiary to the MRA Act as due. The implementation of the new regime is foreseen to be in the short term*". Minflok, l-aġir anti-kompetittiv gie konsolidat f'liġi u, *nonostante* l-wegħda tal-awtorità li tirregola s-sitwazzjoni, għadda perijodu ta' żmien twil u l-awtorità baqgħet inattiva. Għalhekk anke l-awtorità trid twieġeb għat-talbiet tas-soċjetà rikorrenti billi bħala awtorita regolatriċi mwaqqfa bil-liġi, b'posizzjoni awtonoma, bl-inattività tagħha naqset li trazzan il-kompetizzjoni inġusta fis-suq, kif kien dover tagħha li tagħmel u tagħti rimedju effettiv lis-soċjetà rikorrenti.

»*It-talbiet tal-atturi kellhom jiġu preċeduti b'talba speċifika għal sejbien ta' responsabilità*

»Fl-ewwel eċċezzjoni tagħha l-Korporazzjoni *Enemalta* tgħid li t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti kif proposti huma nulli u insostenibbli billi kwalunkwe talba kellha tkun fl-ewwel lok preċeduta b'talba għal dikjarazzjoni li l-korporazzjoni intimata kienet responsabbli ċivilment ta' delitt, billi tali responsabilità trid tiġi stabbilita awtonomament f'dawn il-proċeduri ċivili u bl-ebda mod ma tista' tiġi dedotta jew, agħar, meħuda bħala stabbilita minn proċess awtonomu ieħor, penali jew amministrattiv, kif ipproponiet is-soċjetà attriċi fir-rikors promotur.

»Il-proċeduri li fid-dawl tagħhom saret din il-kawża kienu dawk quddiem il-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust, u għalhekk ma tapplikax l-analoġija li qed issir mill-*Enemalta* meta tgħid li sejbien ta' ħtija fi proċedura waħda ma jwassalx bilfors għal sejbien ta' ħtija fil-proċedura l-oħra.

»In ġenerali, jista' jingħad li skond il-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-qrati ma hemm xejn ħażin li ġudikant f'proċess ċivili jorbot deċiżjoni tiegħu mal-provi miġbura fi proċediment kriminali, u fil-fatt jingħad ukoll li fil-liġi ma hemm xejn kuntrarju għall-esebizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti. Ovvjament, minħabba l-indipendenza tal-azzjoni ċivili mill-azzjoni kriminali, il-ġudizzju *in sede penale* jikkostitwixxi biss waħda mill-provi li l-Qorti Ċivili trid tiehu in konsiderazzjoni (Vol. XXV.I.689; Vol. XXXIX.II.768; Xuereb *v.* Micallef, App 26/11/1923; Abela *v.* Bonniċi, 23/01/1958; Briffa *v.* Abela, 28/03/2003 u Caruana *v.* Ministeru tal-Ambjent *et*, PA 07/07/2004).

»Fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà mnissla minn għemil jew nuqqas ta' għemil mistenni, kull persuna twieġeb għall-ħsara li sseħħ bi ħtija tagħha. Din ir-responsabiltà hija kuntrattwali jew delittwuża. Fil-każ ta' ksur ta' dritt taħt il-liġi ta' kompetizzjoni, l-azzjoni hija waħda delitt-wuża. Ma hemmx biss is-sanzjoni amministrattiva taħt il-liġi tal-kompetizzjoni imma hemm lok ukoll għal possibiltà ta' azzjoni għad-danni.

»Kwantu għan-neċessità ta' dikjarazzjoni ta' responsabilità, jingħid fil-kawża Zammit *v.* Zammit Tabona (App. 06/03/1996) li "d-dikjar-azzjonijiet li talvolta jkunu meħtieġa biex l-attur jasal għal xi waħda mid-domandi tiegħu mhemmx bżonn li jsiru fiċ-ċitazzjoni taħt forma ta' domandi, iżda huwa biżżejjed li ssir talba biex tiġi mogħtija kull dikjarazzjoni meħtieġa skond il-prattika kostanti tal-qrati tagħna". Din id-dikjarazzjoni s-soċjetà rikorrenti talbitha u ppremettitha għall-att taċ-ċitazzjoni.

»Imbagħad skont il-Kap. 379 fl-artikolu 27 applikabbili (qabel ġie emendat fl-2011) kien hemm provvdut li meta quddiem xi qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili jiġi allegat li xi ftehim jew deċiżjoni huma nulli u mhux eżegwibbli skont l-artikolu 5 u meta jiġi allegat li jkun hemm abbuż minn pożizzjoni dominanti skont l-artikolu 9 dik il-qorti għandha tissospendi l-proċeduri u tirriferi l-kwistjoni lill-kummissjoni li jkollha d-dritt li tiddetermina l-kwistjoni u l-qorti għandha tiddeċiedi l-kwistjoni skond id-deċiżjoni tal-kummissjoni.

»Għalhekk skond l-istess artikolu meta l-kwistjoni ta' kompetizzjoni mqajma quddiem il-qorti tkun diġà ġiet deċiża taħt id-disposizzjonijiet

ta' dak l-Att u dik id-deċiżjoni tkun saret *res judicata*, il-qorti għandha ssegwi dik id-deċiżjoni.

L-intimat Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali ssottometta wkoll li ma saret ebda azzjoni biex il-liġijiet in kwistjoni jiġu dikjarati nulli.

»Il-qorti tirrileva li mkien fl-eċċezzjonijet tiegħu dan l-intimat ma ressaq formalment eċċezzjoni simili ħlief li qajjem dan il-punt fin-nota responsiva tiegħu b'mod li s-soċjetà rikorrenti ma kellhiex l-opportunità li twieġeb għal dik is-sottomissjoni. Kif gie osservat fil-kawża Anthony Cristina *pro et noe v.* Eleonora Mizzi *et* deċiza fis-27 ta' Marzu 2003:

> »"Din il-qorti ... hija tal-fehma li argument u raġjonamenti legali dedotti f'nota ta' osservazzjonijiet, u mhux bħala eċċezzjonijiet formali, ma jobbligax lil qorti li tqishom bħala tali. Diversament ikun jammonta għal strapp proċedurali li jista jkun ta' preġudizzju serju għall-kontroparti attriċi, *oltre* li jkun ukoll jammonta għal intralċ mhux awtorizzat fuq il-proċeduri *in corso*."

»Għal kull buon fini, jiġi rilevat li diġà ġie dikjarat li l-aġir tal-intimati hu diskriminatorju u anti-kompetittiv f'*forum* ieħor u għalhekk mhux neċessarju li s-soċjetà rikorrenti tottjeni dikjarazzjoni ta' nullità tal-liġijiet imsemmija biex hija tkun tista' tfittex għad-danni. Liġi tista' tkun valida imma fl-istess ħin tintuża b'mod diskriminatorju u anti-kompetittiv mingħajr il-bżonn li tiġi dikjarata nulla.

»Għalhekk fil-fehma tal-qorti s-soċjetà rikorrenti setgħet tippremetti fir-rikors ġuramentat tagħha li kellha provi biżżejjed, u dana mhux biss bis-sentenza tal-kummissjoni iżda sostnuta wkoll *ex novo* quddiem din il-qorti b'dokumentazzjoni u bi provi *viva voce* u *affidavits*, li jwasslu biex jiġi konfermat l-aġir anti-kompetittiv u diskriminatorju da parti tal-intimati liema aġir ikkawża danni lis-soċjetà rikorrenti. Għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti kif proposti la huma nulli u lanqas insostenibbli.

»Issir hawn referenza wkoll għal dak sottomess mill-intimata Korporazzjoni *Enemalta* fejn iddikjarat li s-soċjetà rikorrenti nqabdet f'paradoss legali kbir għax qed tivvanta telf ta' qligħ fuq ftehim li ġie attakkat u mxejjen. Il-qorti tirrileva li dan jikkuntrasta ma' dak sottomess mill-intimat l-ieħor Ministru tar-Riżorzi li ssottometta li r-rikorrenti ma annullawx il-ftehim u l-liġi li tinkorpora dak il-ftehim. Is-soċjetà rikorrenti f'dan il-każ qed titlob telf ta' qligħ li kien imiss lilha li kieku ma kienx għal ftehim u liġi li ġew imposti fuqha kontra l-liġi.

»*Preskrizzjoni*

»Il-Korporazzjoni *Enemalta* eċċepiet ukoll li t-talbiet attriċi huma preskritti *ai termini* tal-artikolu 2153 u 2154(1) tal-Kap. 16 u tal-artikolu 27 (proprjament 26) tal-Att dwar il-Kompetizzjoni, Kap. 379.

»Dawn l-artikoli jgħidu hekk:

> »"2153. L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn.
>
> »"2154. (1) Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali."

»Fil-fehma tal-qorti l-artikolu 2153 ma japplikax għax il-ħsarat huma kaġunati b'reat waqt lil l-artikolu 2154(1) jipprovdi li fl-azzjoni ċivili għal ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-

Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali. Issa l-artikolu 26 tal-Kap. 379, li kien japplika qabel l-emendi tal-2011 fl-Att tal-Kompetizzjoni, kien jagħmel referenza għal perjodu preskrittiv ta' ħames snin. L-Att dwar il-Kompetizzjoni jirrikonoxxi illi aġir anti-kompetittiv huwa ta' natura kriminali u jista' jagħti lok għal proċeduri kriminali.

»L-artikolu 26 tal-Kap. 379 jipprovvdi li: "Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra, azzjoni kriminali għal reati taħt dan l-Att hija preskritta bl-għeluq ta' ħames snin".

»Għalhekk it-terminu preskrittiv li japplika f'dan il-każ huwa dak ta' ħames snin.

»L-artikolu 26A(2) tal-Kap. 379 jgħid li l-perjodu ta' preskrizzjoni jibda jiddekkorri mid-data li fiha jsir il-ksur. Madankollu, fil-każ ta' ksur kontinwu jew ripetut, dan il-perjodu għandu jibda jiddekkorri mid-data li fiha jieqaf l-ksur. Issa f'dana l-każ is-soċjetà rikorrenti tallega li l-aġir anti-kompettiv u diskriminatorju ġie stabbilit kemm mill-Uffiċċju tal-Kummerċ Ġust kif ukoll mill-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust u għadu jippersisti sallum billi l-korporazzjoni għadha ma tridx toqgħod għad-direttiva li nħarġet kontra tagħha.

»Kif ingħad fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża Portelli *v.* Attard deċiza fl-20 ta' Marzu 1997, meta d-danni ma jiġux determinati f'mument wieħed, iżda jibqgħu javveraw ruħhom tul iż-żmien, b'mod li jista' jingħad li l-ħsara qiegħda kontinwament issir, it-terminu ta' preskrizzjoni ikun kontinwament qed jiġi "interrott", u dan it-terminu ma jibdiex jgħaddi jekk mhux minn meta jsiru x-xogħlijiet meħtieġa biex il-ħsara tieqaf tkompli ssir. F'dan il-każ id-danni kaġjonati lis-soċjetà rikorrenti jemanu kemm mil-ftehim milħuq bejn l-*Enemalta* u l-*GRTU* kif wkoll mill-liġijiet li inkorporaw dan l-istess ftehim.

»*Inoltre* skond l-artikolu 26A(4) tal-Kap. 379 il-perjodu ta' preskrizzjoni jiġi interott meta jkun hemm proċeduri mibdija quddiem awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni[1]. Issa f'dan il-każ is-soċjetà rikorrenti aġixxiet kontra l-intimati quddiem l-awtoritajiet nazzjonali u dawn sabu li kien hemm aġir anti-kompettiv u diskriminatorju. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust ingħatat fil-29 ta' Marzu 2010. (Jiġi notat li l-korporazzjoni wara dina d-deċiżjoni fethet kawża kontra l-kummissjoni 938/2010AF biex tiġi dikjarata nulla d-deċiżjoni imsemmija tad-29 ta' Marzu 2010. Dina l-kawża ġiet deċiża kontra l-Korporazzjoni *Enemalta* fid-9 ta' Ottubru 2014 u preżentement qiegħda fl-istadju tal-appell, liema appell għadu mhux appuntat)[2].

»Is-soċjetà rikorrenti kienet ippreżentat ittri uffiċjali fit-30 ta' Mejju 2009 u fl-10 ta' Gunju 2010 u l-kawża ġiet preżentata fil-31 ta' Jannar 2011; għalhekk it-terminu preskrittiv ta' ħames snin ġie interrott kemm għax saru ittri uffiċjali li interrompew il-preskrizzjoni kif ukoll għax kien hemm

1 »Deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta tat-2 ta' Diċembru 1999; deċiżjoni tal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi tal-24 ta' Settembru 2002 u direttiva 7 ta' Novembru 2002; deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Kummerċ Ġust f'Malta tas-17 ta' Marzu 2009; deċiżjoni tal-Kummissjoni għall-Kummerc Ġust tad-29 ta' Marzu 2010.«

2 L-appell inqata' fit-28 ta' Frar 2020: l-appell ġie miċħud u s-sentenza appellata tad-9 ta' Ottubru 2014 ġiet konfermata.

proċeduri quddiem l-awtoritajiet nazzjonali. *Inoltre* l-ksur għadu jippersisti sallum; għalhekk il-preskrizzjoni qiesha qatt ma bdiet tiddekorri.

»L-eċċezzjoni dwar il-preskrizzjoni għalhekk qed tiġi miċħuda.

»*Aġir anti-kompetittiv u diskriminatorju*

»Mill-10 ta' Mejju 2000 sad-9 ta' Awissu, 2010 s-soċjetà rikorrenti kienet topera *petrol station* ġewwa Ħaż-Żabbar minn fejn kienet tbigħ il-karburant, partikolarment *diesel* u *petrol* u prodotti oħra simili li hi kienet tixtri mingħand il-korporazzjoni intimata. Il-korporazzjoni kienet tikkonċedi lill-pompi tal-*petrol* kummissjoni għal kull litru mixtri mill-prodotti tagħha.

»F'dina l-kawża s-soċjetà attriċi qed titlob id-danni minħabba aġir anti-kompetittiv u diskriminatorju da parti tal-Korporazzjoni *Enemalta*.

»Skont il-provi prodotti dan l-aġir jikkonsisti fil-fatt li s-soċjetà rikorrenti, u qabilha *Velga Brothers Ltd*, kienet topera pompa tal-*petrol* b'sistema semi-awtomatika fejn il-konsumatur kien jimla l-*petrol* jew *diesel* imbagħad iħallas lill-kaxxier li jkun fil-pompa għal dan il-għan biss. Din is-sistema rriżultat popolari mal-konsumatur u ġiet reġistrata żieda fil-bejgħ għas-soċjetà rikorrenti. Il-korporazzjoni intimata sostniet li dina s-sistema ma kinitx konformi mal-kondizzjonijiet tal-ftehim li kien hemm bejnha u l-*GRTU* u għalhekk hija insistiet mas-soċjetà rikorrenti li jekk hija ma tikkonformax ruħha mal-ftehim imsemmi ma kinitx ser tirċievi l-kummissjoni sħiħa miftiehma. Din is-sitwazzjoni tat lok għal diversi azzjonijiet u kawżi biex jiġi dikjarat li l-posizzjoni li ħadet il-korporazzjoni kienet anti-kompetittiva u diskriminatorja.

»Bħala prova li l-aġir tal-korporazzjoni kien anti-kompetittiv u diskriminatorju s-soċjetà rikorrent ressqet dawn il-provi:

»*Velga Brothers Limited*, li preċedenti għas-soċjetà rikorrenti kienet topera dina l-pompa tal-*petrol*, kienet intavolat ilment quddiem l-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta fit-2 ta' Diċembru 1999, li kien iddeċieda li l-azzjoni li sar ilment dwarha għandha titqies bħala anti-kompetittiva u projbita *ai termini* tal-artikolu 5 tal-Kap. 379.

»Fit-13 ta' Settembru 2001 is-soċjetà rikorrenti ipprezentat ilment mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi bħala r-regolatur *ai termini* tal-Kapitlu 423 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-24 ta' Settembru 2002 din iddeċidiet illi l-Korporazzjoni *Enemalta* kellha tħallas lir-rikorrenti l-kummissjoni sħiħa "*for as long as the complainant offers a 24-hour service to the consumer, irrespective of the mode of operation of such a service*". Fis-7 ta' Novembru 2002 l-awtorità ħarġet direttiva kontra l-korporazzjoni intimata u ordnatilha biex ma tibqax tiddiskrimina bejn metodi ta' distribuzzjoni u sabiex tħallas lir-rikorrenti l-istess kummissjoni li kienu qed jitħallsu l-pompi li jużaw is-sistema awtomatika.

»Minflok ma kkonformat mad-direttiva, il-ftehim anti-kompetittiv rigward ħinijiet tal-ftuh u l-modalità tas-servizz ġie inkorporat f'Avviż Legali 102 tal-2002. Dan l-Avviż Legali ġie sussegwentement sostitwit bl-Avviż Legali 1 tal-2006, illi baqa' jirrifletti l-ftehim anti-kompetittiv bejn il-Korporazzjoni *Enemalta* u l-*GRTU*.

»Minħabba f'hekk, u billi kienu qed jittieħdu passi kriminali kontra d-diretturi tas-soċjetà rikorrenti abbażi tal-liġi li kienet daħlet *in vigore* u anke huma ġew mhedda li l-pompa kienet ser tiġi magħluqa, id-diretturi tas-soċjetà rikorrenti ffirmaw dikjarazzjoni *under protest* li

kienu se joqogħdu mal-ftehim li kien hemm dwar ħinijiet u modalità tas-servizz.

»Fil-2005 is-soċjetà rikorrenti ressqet l-ilmenti lill-Kummissjoni Ewropea li però stednitha sabiex l-ewwel tirrapporta lill-Uffiċċju tal-Kummerċ Ġust f'Malta. Tressaq għalhekk l-ilment quddiem l-Uffiċju tal-Kummerċ Ġust fl-4 ta' Jannar 2006 u dwar dan ingħatat deċiżjoni fis-17 ta' Marzu 2009. Kemm is-soċjetà rikorrenti kif ukoll l-Korporazzjoni *Enemalta* talbu li deċiżjoni tiġi ssottomessa għall-istħarrig tal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust.

»B'deċiżjoni mogħtija fid-29 ta' Marzu 2010 fl-Ilment 1/2009 il-Kummissjoni kkonfermat is-sentenza tal-17 ta' Marzu 2009 tal-Uffiċċju tal-Kummerċ Ġust.

»Kwindi hemm il-prova tal-aġir anti-kompetittiv fil-konfront tas-soċjetà attriċi. Din id-deċiżjoni ġiet attakkata mill-*Enemalta* però ġiet konfermata mill-Prim Awla fid-9 ta' Ottubru 2014 għalkemm l-*Enemalta* appellat minn dan il-ġudikat li għadu pendenti[3].

»*Danni*

»Is-soċjetà rikorrenti tillanja li bħala konsegwenza diretta tal-aġir diskriminatorju u anti-kompetittiv tal-Korporazzjoni *Enemalta* u *GRTU* u tal-inattività tal-ministru u l-awtorità intimati li aġevolaw dan l-aġir, il-kumpannija rikorrenti ssostni li sofriet danni li jikkonsistu f'nuqqas ta' ħlas ta' kummissjoni sħiħa mill-Korporazzjoni *Enemalta* kif ukoll f'telf ta' bejgħ illi wassal għal telf ta' profitti u kummissjoni. Dan it-telf jirriżulta meta wieħed iqabbel il-volum ta' bejgħ bis-sistema *fully automatic* ma' dak bis-sistema *semi-automatic* li kienet popolari mal-konsumaturi.

»Il-Korporazzjoni *Enemalta* laqgħet għal dina t-talba billi qalet li din it-talba hija legalment insostenibbli billi s-soċjetà rikorrenti ma tistax fl-istess nifs tmexxi biex tannulla l-ftehim tan-1997 imbagħad f'din l-istanza titlob il-ħlas tal-kummissjoni spettanti lilha taħt dak l-istess ftehim. Il-allegat aġir anti-kompetittiv jemana minn dan il-ftehim li fih l-istess soċjetà rikorrenti kienet parti u liema s-soċjetà rikorrenti ma kienx baqa' jogħġobha aktar għaliex il-makkinarju li ġabet biex topera taħt dak il-ftehim kien difettuż.

»*Ordni tal-eżenzjoni*

»Il-ftehim tal-1997 bejn l-*Enemalta* u l-*GRTU* ġie eżegwit fi żmien meta l-*Enemalta* ma kinitx sindakabbli taħt il-liġi tal-kompetizzjoni. Il-Kap. 379 promulgat bl-Att XXXI tal-1994 beda japplika għall-korporazzjoni rikorrenti [*recte*, konvenuta] mill-1 ta' Mejju 2004 bis-saħħa tal-Avviż Legali 331 tal-2004 wara li bih tħassret l-Ordni tal-Eżenzjoni pubblikata bl-Avviż Legali 144 tal-2002. Dan huwa rikonoxxut mill-kontendenti kollha f'din il-kawża u huwa anke rikonoxxut mill-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust fid-deċiżjoni tagħha mogħtija fis-29 ta' Marzu 2010 u fis-sentenza *Velga Bros v. Enemalta* deċiza mill-Prim' Awla fit-8 ta' Novembru 2004.

»Għalhekk sa Mejju 2004 il-korporazzjoni intimata ma setgħetx bil-liġi tinsab responsabbili għal aġir anti-kompettiv u għalhekk għal ebda talba għal danni.

---

3 Ara *fn* 2, *supra*.

»Jirriżulta li sas-sena 2003 is-soċjetà rikorrenti kienet tuża s-sistema semi-awtomatika fid-distribuzzjoni tal-karburant. Fil-27 ta' Marzu 2003 s-soċjetà rikorrenti kellha tiffirma ftehim mal-*Enemalta* u minflok bih bdiet tuża s-sistema awtomatika. Dan il-ftehim gie ffirmat *under protest* u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tas-soċjetà rikorrenti. Is-soċjetà rikorrenti kienet iffirmat dan il-ftehim billi kien qed ikollha *raids* mill-pulizija, proċeduri kriminali fil-qorti, theddid li se tingħalqilha l-pompa, u li l-*Enemalta* ma kinitx se tħallasha l-*commission* sħiħa.

»Is-soċjetà rikorrenti ppremettiet li s-sistema semi-awtomatika li hija kienet tuża kienet waħda popolari mal-konsumaturi u kellha żieda fil-bejgħ tal-karburant. Għalhekk, meta l-korporazzjoni illegalment ġegħlitha tibdel is-sistema li kienet qed tuża, hija bdiet ikollha telf fil-profitti u kummissjonijiet.

»*Kalkolazzjoni tad-danni*

»Il-kalkoli li għamel l-awditur tas-soċjetà rikorrenti, Brian Spiteri, huma bażati fuq il-kotba tas-soċjetà rikorrenti għal-perjodu 1/6/2000 u 31/8/2010. Hu jgħid li l-medja ta' bejgħ fil-perjodu meta kienu qed jużaw is-sistema semi-awtomatika kien ta' 14,004 litru kuljum u l-medja ta' bejgħ fuq l-*automatic* kien ta' 12,048.52 litru kuljum, b'differenza ta' 1,956 litru kuljum. Jekk timmultiplika l-ammont bir-rata ta' *commission* ta' Lm0.0197 dan iwassal għal Lm14,056.15 jew €32,742.02 fis-sena u għal perjodu 2003-2010 (perjodu minn meta s-soċjetà attriċi ġiet imġiegħla taqleb għas-sistema *automatic* sakemm bigħet il-pompa) iwassal għal Lm104,249.78 jew € 242,836.66.

»L-*MRA* tgħid li l-kalkolu li għamel Brian Spiteri mhuwiex korrett u jirriżulta li fir-rigward tal-bejgħ mill-pompa bejn is-snin 2000 u 2003 (is-snin meta suppost dina s-sistema kienet popolari mal-konsumatur), il-bejgħ f'dawn is-snin fil-fatt naqas u mhux żdied. Tgħid li l-volum tal-bejgħ kien diġà qed jiżdied minn 1995 sa 2001. Għalhekk mhux ċar jekk l-bejgħ żdiedx jew naqasx minħabba s-sistema semi-awtomatika anke wkoll għax din is-sistema kienet diġà hemm qabel dawk is-sentejn. Isostni li seta' kien hemm fatturi oħra li inflwenzaw il-bejgħ. *Inoltre* t-trajettorja axxendenti tal-bejgħ kienet ilha għaddejja s-snin u ma kinitx direttament attribwibbili għall-fattur imsemmi mis-soċjetà rikorrenti. L-*MRA* tispjega wkoll li ma għandekx tqabbel il-medja tal-bejgħ aggregat għal tliet snin biss (2000-2003) mas-seba' snin ta' wara (2003-2010), imma ikun aktar statistikament korrett li tqabbel l-istess numru ta' snin biex jitnaqqas ir-riskju li jintgħażlu *data points* li jirrendu l-medja bħala assimetrika. Għalhekk ikun aktar ġust li jiġi kkumparat medja ta' bejgħ aggregat għal perjodu ta' żmien ugwali, jiġifieri bejn 1/1/1995 u 31/12/2002 u 1/1/2003 u 31/12/2010. Huma qabblu s-seba' snin ta' qabel ma daħlet is-sistema awtomatika mas-seba' snin ta' wara. Tikkonkludi li fil-fatt irriżulta li ma kienx hemm tnaqqis fil-medja tal-bejgħ aggregat bejn iż-żewg perjodi ta' żmien; anzi kien hemm żieda fil-bejgħ medju aggregat.

»Fil-fehma tal-qorti jirriżulta li s-sistema semi-awtomatika li kienet tuża s-soċjetà rikorrenti effettivament kienet popolari mal-konsumaturi u affettwat l-introjtu tas-soċjetà rikorrenti. Tant hu hekk li l-konkorrenti tas-soċjetà rikorrenti bdew iħossu l-effetti ta' dina l-konkorrenza u kellhom jirrikorru għand il-*GRTU* li min-naħa tagħha avviċinat lill-korporazzjoni biex timponi miżuri biex, jekk is-soċjetà rikorrenti tibqa' tħaddem xi impjegat biex jassisti lill-konsumatur fil-ġranet u ħinijiet

indikati, din ma kellhiex tirċievi l-kummissjoni mwiegħda. Kieku verament is-soċjetà rikorrenti kienet qed tagħmel telf f'dak il-perjodu, kif xehed Philip Caruana, kieku l-kwistjoni kollha ma kinitx tinqala' u l-konkorrenti tas-soċjetà rikorrenti ma kienx ikollhom għalfejn jirrikorru għand il-*union* imbagħad għand il-korporazzjoni biex iwaqqfu lis-soċjetà rikorrenti milli tkompli tuża dik is-sistema. Mill-kalkoli li għamlet is-soċjetà rikorrenti fuq il-figuri li kellha, sabet li f'dak il-perjodu hija tilfet il-flus.

»Minn dawn il-kalkoli li għamel Brian Spiteri jirriżulta li d-differenza fil-bejgħ kienet ta' 1,956 litru kuljum u dan ma ġiex kontestat. Jiġi rilevat li s-sistema semi-awtomatika kienet tintuża wkoll fis-snin 2000 u 2001 meta kien hemm l-ogħla bejgħ ta' karburant. Kien meta s-soċjetà rikorrenti ġiet imġiegħla tibdel is-sistema li kienet qed tadopera li beda jiġi notat in-nuqqas ta' profitt, apparti t-tehdid imsemmi aktar fuq dwar kummissjoni u għeluq tal-pompa. Għalhekk jekk jiġi multiplikat l-ammont ta' 1,956 bir-rata ta' *commission* ta' Lm0.0197 dan iwassal għal Lm14,056.15 jew €32,742.02 fis-sena u għal perjodu April 2003 - Awissu 2010 iwassal għal Lm104,249.78 jew €242,836.66.

»*Decide*

»Għal dawn il-motivi l-qorti tiddeċiedi billi tiddikjara illi l-aġir anti-kompetittiv u diskriminatorju tal-intimati kkawża danni lis-soċjetà rikorrenti; tillikwida d-danni sofferti mill-kumpannija rikorrenti fl-ammont ta' €242,836.66; tikkundanna lill-intimati jħallsu solidalment bejniethom lill-kumpannija rikorrenti d-danni hekk likwidati.

»Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittri uffiċjali tat-30 ta' Mejju 2009 u tal-10 ta' Gunju 2010, u bl-imgħax legali kontra l-intimati.«

9. L-erba' konvenuti kollha ressqu appell, kull wieħed għalih: il-ministru fl-10 ta' Diċembru 2015; ir-regolatur fil-11 ta' Diċembru 2015; il-*union* fl-14 ta' Diċembru 2015; u *Enemalta* fl-14 ta' Diċembru 2015. L-attriċi wieġbet separatament għal kull wieħed mill-appelli fid-29 ta' Diċembru 2015.

10. Nibdew bl-appell tal-ministru. L-ewwel aggravju jolqot iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni li l-ministru ma huwiex kontradittur leġittimu, u ġie mfisser hekk:

»i. il-mansjoni tal-esponenti ma tinkludix il-ġestjoni u l-operat ta' pompi tal-petrol:

»ii. l-Avviż Legali 102 tal-2002 kif ukoll l-Avviż Legali 1 tal-2006 (li ħa post l-Avviż Legall 102 tal-2002) ma ġewx promulgati minnu iżda mill-ministeru responsabbli għall-kummerċ u għalhekk l-esponenti ma jistax jirrispondi għal tali Avviż Legali;

»iii. kemm l-intimata *Enemalta* kif ukoll l-intimata Awtorità għar-Riżorsi huma entitajiet li legalment għandhom personalità ġuridika awtonoma u distinta u għalhekk fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom skont il-liġi kwalunkwe azzjoni jew deċiżjoni li ħadu huma u li biha ntlaqtet ir-rikorrenti jirrispondu għaliha huma mingħajr il-ħtieġa li l-gvern ċentrali jkun parti mill-azzjoni;

»iv. l-esponenti qatt ma kien parteċipi jew deher fil-ftehim li kien sar bejn l-intimati *GRTU* u *Enemalta*.«

11. L-argument tal-attriċi fit-tweġiba tagħha essenzjalment huwa illi:

> »… f'dan ir-rigward, l-appellata *Hompesch Station Limited* tirrileva illi r-responsabbilità tal-ministru tirriżulta u hija marbuta mal-involviment u responsabbilità tal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, illum ir-Regolatur dwar Servizzi ta' Enerġija u Ilma, liema regolatur jaqa' taħt id-dekasteru tal-istess ministeru.«

12. Imbagħad tirreferi għal din is-silta mis-sentenza appellata:

> »L-intimat Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali għandu jwieġeb għat-talbiet tas-soċjetà rikorrenti billi anke jekk jista' jagħti l-każ li huwa ma ħariġx direttament il-liġi anti-kompettitiva, xorta waħda hu qiegħed imħarrek bħala l-ministru responsabbli mill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, li hija wkoll intimata f'din il-kawża. Il-ministru japprova l-*policies* mentri l-awtorità hija r-regolatur. Jiġi rilevat li mhux neċessarju li l-intimat jopera fisikament il-pompi tal-*petrol* jew li jkun parti fil-ftehim bejn l-*Enemalta* u l-*GRTU* biex fir-rwol tiegħu jkun responsabbli wkoll li kien parteċipi fl-aġir diskriminatorju u anti-kompetittiv. (Jiġi notat li f'dina l-kawża dan l-intimat la xehed u lanqas ressaq provi in sosten ta' dak li sostna).«

13. L-art. 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – li fuqu oriġinalment kienet imsejsa l-eċċezzjoni – jagħmilha ċara li ministru qatt ma hu kontradittur leġittimu f'kawżi kontra l-gvern. Ministru hu aġent tal-gvern esekuttiv u dak li jagħmel jagħmlu f'isem il-gvern mhux f'ismu, iżda ma jidhirx f'isem il-gvern fi proċeduri ġudizzjarji. Għall-gvern jidher jew il-kap tad-dipartiment li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni jew, meta ma hemm ebda dipartiment speċifikament hekk inkarigat, l-Avukat tal-Istat. Fil-każ tallum huwa r-regolatur li hu nkarigat fil-materja u għalhekk *se mai* huwa r-regolatur li jwieġeb għall-azzjoni, mhux il-ministru. Tassew illi r-regolatur ma huwiex

dipartiment tal-gvern iżda xorta huwa parti mill-poter esekuttiv, u l-argument igħodd b'aktar saħħa fil-każ taż awtorità – bħalma huwa r-regolatur – li għandha awtonomija, u għalhekk aktar u aktar il-ministru ma jweġibx għal dak li tagħmel jew tonqos li tagħmel dik l-awtorità, ukoll jekk l-awtorità taqa' fid-dikasteru tal-ministru. U kieku biss l-awtorità ma tintlaqatx bl-art. 181B għax ma hijiex dipartiment tal-gvern, xorta għall-gvern ma kienx jidher il-ministru iżda, *se mai*, l-Avukat tal-Istat.

14. F'kull każ, u sussidjarjament, ir-responsabilità tal-ministru kienet tqum mhux minħabba l-ftehim bejn *Enemalta* u l-*GRTU*, billi l-ministru ma kienx parti f'dak il-ftehim, iżda *se mai* talli għamel l-Avviżi Legali 102 tal-2002 u 1 tal-2006, li allegatament jippermettu u anzi jimponu prattiċi anti-kompetittivi. Dawk l-Avviżi Legali iżda saru mhux mill-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali [predeċessur tal-konvenut tallum, il-Ministru għall-Enerġija, Intrapriża, u Żvilupp Sostenibbli] iżda mill-Ministru għas-Servizzi Ekonomiċi bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi fil-każ tal-A.L. 102 tal-2002, u mill-Ministru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni bi ftehim mal-Prim'Ministru u Ministru tal-Finanzi fil-każ tal-A.L. 1 tal-2006.

15. L-aggravju għalhekk sejjer tintlaqa' u l-ministru jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju. Ma jibqax meħtieġ li nqisu l-aggravji l-oħra tal-appell tal-ministru.

16. Ngħaddu issa għall-appell ta' *Enemalta*, u nibdew bit-tieni aggravju billi dan jolqot il-validità tal-kawża u, jekk jintlaqa', l-azzjoni kontra l-appellanti tieqaf hawn. Dan l-aggravju jgħid hekk:

> »It-tieni aggravju jirrigwarda d-deċiżjoni tal-ewwel qorti dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-appellanti ossija dik dwar l-insostenibbiltà tal-kawża kif proposta mis-soċjetà appellata. Is-soċjetà appellata *Hompesch* ma tagħmel l-ebda distinzjoni bejn il-proċedura fil-kamp tad-dritt pubbliku u dik tad-dritt privat u tieħu l-kostatazzjoni ta' responsabbiltà f'waħda bħala stat ta' fatt li awtomatikament jistabbilixxi r-responsabbiltà fl-oħra. Din hija s-sinsla tal-kawża odjerna u hija posizzjoni fundamentalment anti-ġuridika.
>
> »Id-distinzjoni bejn l-azzjonijiet ta' natura penali jew amministrattiva u l-obbligi ċivili naxxenti minnhom hija distinzjoni u prinċipju fundamentali fl-ordinament ġuridiku nostran (u f'dak ta' ħafna ġurisdizzjonijiet oħrajn madwar id-dinja) u li fil-prattika jfisser illi fejn fattispeċje tkun tnissel kemm proċeduri ta' dritt pubbliku kif ukoll proċeduri ta' dritt privat iż-żewġ azzjonijiet għandhom jibqgħu fl-intier tagħhom separati, distinti u awtonomi minn xulxin u r-responsabbiltà fiż-żewġ proċeduri trid tiġi hekk stabbilita b'mod awtonomu anke jekk il-provi u l-partijiet involuti jistgħu jkunu possibilment l-istess jew sa ċertu punt komuni. Dan għaliex fiż-żewġ settijiet ta' proċeduri japplikaw prinċipji differenti li jimpattaw fuq id-dritt sostantiv (bħall-preskrizzjonijiet applikabbli) u proċeduralment jistgħu jkunu wkoll japplikaw regoli differenti (bħal per eżempju l-grad tal-prova rikjesta).
>
> »Tali distinzjoni fundamentali fid-dritt tagħna hija għal kollox nieqsa fil-kawża odjerna u fil-mod kif ġiet trattata l-istess fis-sentenza appellata. Din il-kawża giet redatta, ħaġa illi bl-ebda mod ma giet kontestata fin-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrenti *Hompesch*, b'mod illi effettivament il-qorti ingħad lilha bħala fatt 'stabbilit' li: l-intimati (fosthom l-*Enemalta*) ġew meqjusa mill-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust wara l-proċess quddiem l-Uffiċċju għall-Kummerċ Ġust bħala entitajiet illi bl-aġir tagħhom kisru d-dettami tal-Kap. 379. Ir-responsabbiltà tagħhom fil-proċedura ta' dritt pubbliku hija awtomatikament applikabbli għall-proċedura ta' dritt privat odjern, mela l-intimati huma passibbli għad-danni sofferti bhala konsegwenza ta' tali aġir tagħhom.
>
> »Huwa mill-aktar evidenti illi dan ir-raġunament huwa ġuridikament żbaljat u … l-ewwel qorti żbaljat meta avvallat dan ir-raġunament. Kieku kellha raġun is-soċjetà *Hompesch* allura per eżempju f'każ ta' persuna ħatja ta' reat jew persuna li titlef proċedura amministrattiva kull ma jkollha tagħmel il-vittma jew il-lanjat fil-proċedura amministrattiva għall-finijiet tal-kawża ċivili huwa illi tressaq sempliċi kawża għal-likwidazzjoni u l-kundanna għal hlas ta' danni u dan mingħajr l-ebda forma ta' kostatazzjoni mill-ġdid tar-responsabbilità fid-dritt ċivili privat. Dan ċertament mhux il-każ għaliex ir-responsabbiltà ċivili trid tiġi naturalment stabbilita *ex novo* mill-qrati li jkunu qed jisimgħu l-proċedura taħt id-dritt privat. F'tali analiżi, il-qrati jużaw prinċipji li jistgħu jkunu identiċi u jistgħu ma jkunux identiċi għal dawk li jirregolaw il-proċedura fid-dritt pubbliku u l-qorti tista' tasal għall-istess jew għal konklużjoni differenti skont il-każ.

»Issa jista' jkun hemm liġijiet speċifiċi fejn il-leġislatur jagħti l-possibilità li ma jkunx hemm għalfejn terġa' tiġi stabbilita r-responsabbiltà u jeżistu wkoll ġurisdizzjonijiet (Franza per eżempju) fejn il-qrati penali jew amministrattivi f'ċertu ċirkostanzi wara li jiddeterminaw il-ħtija jew l-piena amministrattiva fi proċeduri penali jew amministrattivi jittrasformaw ruħhom fi qrati ċivili sabiex jillikwidaw id-danni – iżda dan il-każ odjern mhux wieħed minnhom.

»Il-każ odjern huwa każ normali fejn l-esponenti (fost l-oħrajn) instabet ħatja ta' ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta fi proċeduri ta' dritt pubbliku quddiem il-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust. Salv l-eżitu tal-kawża numru 938/2010/ AF li qed tattakka dik id-deċiżjoni, dik id-deċiżjoni tikkostitwixxi stat u twassal għal sanzjoni amministrattiva. Il-kwistjoni tad-danni fid-dritt privat iżda ma għandha x'taqsam proprju xejn ma' dawk il-proċeduri u jekk il-lanjanti fil-proċeduri amministrattivi (*Hompesch*) ħasset illi sofriet danni b'dak l-aġir li kien suġġett għal tali sanzjoni amministrattiva, kellha tibda proċeduri ċivili *ex novo* illi jistabbilixxu l-ewwel ir-responsabbiltà tal-intimati (jew min minnhom) skont il-prinċipji tad-dritt privat u mbagħad, stabbilita tali responsabbiltà, titlob l-eventwali likwidazzjoni u kundanna għall-ħlas tal-istess danni.

»Il-proċeduri tad-dritt pubbliku u dawk tad-dritt privat għandhom eżistenza awtonoma. Awtonoma sa tali punt illi l-eżitu mhux bil-fors ikun l-istess anke jekk it-tnejn li huma jitwieldu mill-istess fattispeċje u jikkonċernaw l-istess nies u l-istess xhieda fiż-żewġ proċeduri. Hekk per eżempju hemm numru kbir ta' sentenzi li fihom imputat fi proċeduri kriminali jiġi liberat mill-akkużi miġjuba kontrih iżda jitlef kawża għad-danni mressqa mill-vittma. Qatt ma jista' tali imputat jgħid 'kont liberat' *ergo* peress illi ma hemmx responsabbiltà taħt id-dritt pubbliku (penali f'dak il-każ) ma jista' jkolli l-ebda responsabbiltà anke fi proċeduri fid-dritt privat. U bil-kontra.

»Meta tissemma l-awtonomija tal-azzjoni pubblika u l-azzjoni privata wieħed ma jifhimx illi l-proċeduri quddiem il-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust kienu l-preludju ta' din il-kawża. Lanqas ma jifhem illi l-kummissjoni kienet il-*foro* li fih tiġi stabbilita r-responsabbiltà u mbagħad jaqa' fil-ġurisdizzjoni ta' din il-qorti li tistabbilixxi l-kundanna u l-kwantum tal-eventwali danni sofferti. Għall-kuntrarju, il-prinċipju tal-awtonomija taż-żewġ azzjonijiet ifisser illi ż-żewġ azzjonijiet huma sħaħ, kompluti u indipendenti minn xulxin, f'dan il-każ waħda tispiċċa b'sanzjoni amministrattiva wara kostatazzjoni ta' ksur ta' disposizzjoni tad-dritt pubbliku bħal ma huwa l-Att dwar il-Kompetizzjoni mentri l-oħra hija kawża ċivili privata fejn l-intimat jista' jinstab jew ma jinstabx responsabbli u fejn il-lanjant jista' jingħata jew ma jingħatax danni.

»Fil-kamp ċivili u f'materja ta' restituzzjoni ta' danni allegatament sofferti għalhekk, ii-proċess irid isir integralment u mill-ġdid. L-onorabbli Prim' Awla kellha l-ewwel tintalab tiddikjara lill-intimati (fosthom l-esponenti) bħala responsabbli delittwalment jew kontrattwalment skont il-każ (b'*dolo*, negliġenza jew ksur ta' kuntratt) u mbagħad biss wara tali kostatazzjoni ta' responsabbiltà tidħol f'analiżi tal-prinċipji tal-kawża u l-effett u n-ness bejniethom sabiex tkun tista' tikkundanna u tillikwida d-danni. Dan kollu huwa nieqes fit-talbiet attriċi illi jaqbżu din il-fażi kompletament, jieħdu r-responsabbiltà tal-intimati bħala stat ta' fatt in kwantu stabbilit fil-proċeduri tad-dritt pubbliku u jaqbżu mill-

ewwel għall-kundanna u l-likwidazzjoni tad-danni. Sitwazzjoni totalment ġuridikament insostenibbli.

»U ma jistax ikun mod ieħor għaliex, kieku għandha raġun ir-rikorrenti li r-responsabbiltà hija ġà stabbilita, kieku l-qorti fl-eżerċizzju tal-kwantifikazzjoni u l-kundanna għad-danni jibqgħalha numru kbir ta' kwistjonijiet irriżolti dwar ir-responsabbiltà, bħal per eżempju: l-intimati huma responsabbli fi kwoti ndaqs bejniethom jew hemm min huwa responsabbli aktar mill-ieħor? Teżisti solidarjetà fir-responsabblità allegatament stabbilita mill-kummissjoni jew l-intimati huma passibbli individwalment u mhux solidalment bejniethom? Dawn il-kwistjonijiet mhumiex indirizzati fid-deċiżjoni tal-kummissjoni u mhux bi żball għaliex il-kummissjoni ddeċidiet dwar sanzjoni amministrattiva, dwar ksur ta' liġi pubblika u mhix konċernata bir-responsabbiltà ċivili bejn il-partijiet privati u bejn kif per eżempju in linea ta' danni ser jaqsmu l-piż ta' eventwali likwidazzjoni bejniethom.

»Tant hija insostenibbli l-pożizzjoni legali tar-rikorrenti illi huma l-istess rikorrenti li fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħhom għall-ewwel darba f'dawn il-proċeduri qegħdin bħal donnhom ippruvaw jirranġaw dan l-iżball fil-mod kif ġiet impustata l-kawża billi jgħidu li huma effettivament talbu tali dikjarazzjoni ta' responsabbiltà meta qalu "prevja kull dikjarazzjoni" li jidhrilha opportuna u mbagħad saħansitra jressqu argument illi jikkozza ma' din il-pożizzjoni (u li qatt ma ġie kontestat mill-esponenti) illi fi kwalunkwe każ ma jistax jingħad li l-proċeduri amministrattivi ma jikkostitwux prova f'dawn il-proċeduri għall-finijiet ta' determinazzjoni ta' responsabbiltà.

»Sabiex ma jkun hemm l-ebda nuqqas ta' ftehim jew dubbju dwar il-pożizzjoni tal-appellanti odjerna, huwa evidenti li x-xhieda mressqa fil-proċeduri amministrattivi u mitluba li jiffurmaw parti minn dawn il-proċeduri odjerni għandhom u jista' jkollhom valur probatorju f'kawża bħall-kawża odjerna. Iżda għandhom valur probatorju fil-kuntest ta' kawża ċivili awtonoma illi trid tistabbilixxi *ex novo* r-responsabbiltà abbazi ta' talba *ad hoc* għal tali kostatazzjoni ta' responsabbiltà liema talba hija għal kollox nieqsa fir-rikors ġuramentat odjern. Ir-rikorrenti jieħdu r-responsabbiltà tal-intimati bħala kwistjoni aċċertata, riżolta u deċiża u ma ressqu l-ebda talba *ad hoc* f'dan is-sens. Din hija kawża għal sempliċi rkupru ta' danni abbażi ta' tali sejbien ta' responsabbiltà mingħajr ma tali kostatazzjoni setgħet tagħmilha l-ewwel għax mhux mitluba li tagħmilha. Sitwazzjoni insostenibbli kif sa minn dejjem sostnew il-qrati tagħna. … … …

»… … …

Il-qrati kellhom diversi opportunitajiet illi fihom jirribadixxu d-distinzjoni u l-indipendenza totali tal-proċeduri tad-dritt privat minn dawk tad-dritt pubbliku u kif tali eżistenza totalment awtonoma effettivament tfisser illi ż-żewġ proċeduri jista' jkollhom eżitu divers. Dan għaliex il-proċedura ċivili li generalment issegwi l-proċedura tad-dritt pubbliku trid tkun *ex integro* u trid allura tistabbilixxi b'mod awtonomu r-responsabbiltà ċivili mill-gdid, indipendentement mill-htija amministrattiva u/jew penali. U proprju għaliex il-qrati kellhom diversi opportunitajiet, huma affaċċjaw diġà diversi drabi argumenti bħal dawk imressqa minn *Hompesch* f'din il-kawża. … … …

»… … …

»U huwa proprju hekk li kellu jsir f'din il-kawża. Il-qorti kellha tiġi mistiedna tevalwa u tiddeċiedi r-responsabbiltà tal-intimati (jew min minnhom) għat-telf allegatament soffert. Din hija analiżi u kostatazzjoni li trid tagħmel issa din il-qorti li mbagħad tkun tista' tiddetermina n-ness tal-kawża u l-effett, anke per eżempju fit-tqassim ta' eventwali responsabbiltà fost id-diversi intimati f'din il-kawża.

»Il-prinċipju tal-awtonomija u l-indipendenza tal-proċeduri tad-dritt pubbliku u dawk tad-dritt privat jaħdem eżattament fil-mod … [illi] waħda ma timpinġix fuq l-oħra u huwa inawdit illi wieħed jirrendi l-proċeduri ċivili bħala sempliċi proċeduri ta' kostatazzjoni matematika ta' *quantum* u li lil din il-qorti titneħħielha l-mansjoni li tevalwa l-aktar ħaġa importanti ossija r-responsabbiltà taħt il-liġi ċivili applikabbli.

»Għall-kuntrarju ta' dan il-prinċipju ċarissimu, ir-rikorrenti appellati ppreżentaw lill-qorti, u l-qorti laqgħet b'*fait accompli* – u stednuha sempliċement tagħmel eżerċizzju matematiku sabiex sempliċement issarraf id-deċiżjoni ta' ħaddieħor fi flus. Dan assolutament mhux ir-rwol tal-qrati fi proċeduri ċivili naxxenti minn ksur ta' dritt pubbliku għaliex ma tistax tagħmel hekk mingħajr ma l-ewwel tikkonstata r-responsabbiltà ċivili b'mod għal kollox awtonomu, anke jekk il-provi mressqa fi proċedura waħda jistgħu jintużaw fil-proċedura l-oħra.

»U huwa proprju dak li kellu jsir. Il-qorti kellha tiġi mistiedna tevalwa u tiddeċiedi r-responsabbiltà tal-intimati (jew min minnhom) fil-kamp tad-dritt privat għat-telf allegatment soffert. Din hija analiżi u kostatazzjoni li trid tagħmel il-qorti li biss wara sejbien ta' responsabbiltà ċivili (delittwali jew pawliana eċċ) tkun tista' tiddetermina n-ness tal-kawża u l-effett, anke per eżempju fit-tqassim tal-eventwali responsabbiltà fost l-intimati, Din il-kawża setgħet tressqet qabel, wara jew waqt il-proċeduri quddiem il-kummissjoni u mhuwiex assolutament minnu li kieku saret hekk kienu jkunu l-esponenti li jgħidu li l-ewwel trid tiġi determinata r-responsabbiltà taħt il-Kap. 379 mill-kummissjoni. Din l-allegazzjoni ma ssib l-ebda riskontru fil-provi prodotti.

»Konfrontata b'tali analiżi, l-ewwel qorti … tforni bir-rispett raġunament għal kollox superfiċjali illi ma jindirizza proprju xejn il-kwistjoni legali mressqa u trattata quddiemha.

»… … … [Fi]s-sentenza appellata l-qorti tistqarr illi "l-proċeduri li fid-dawl tagħhom saret din il-kawża kienu dawk quddiem il-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust, u għalhekk ma tapplikax l-analoġija li qed issir mill-*Enemalta* meta tgħid li sejbien ta' ħtija fi proċedura waħda ma twassalx bilfors għal sejbien ta' ħtija fil-proċedura l-oħra". Mhuwiex ċar x'ippruvat tgħid l-ewwel qorti f'dan l-inċiż u għal liema analoġija qed tirreferi. Jekk iżda huwa kif qed tgħid il-qorti allura l-analoġija ta' aġir li jikkostitwixxi reat u li jagħti lok ukoll għal rimedji ta' riżarċiment ċivili fid-danni hija eżattament applikabbli u hija preċiżament l-istess sitwazzjoni għall-dik odjerna. Kuntrarjament għal dak illi qalet l-ewwel qorti, f'ċirkostanzi simili l-qrati penali jsibu l-ħtija *o meno* abbażi ta' liġijiet, oneri ta' prova eċċ differenti mentri l-qrati ċivili jistabbilixxu l-eventwali responsabbiltà fid-danni totalment indipendentement mill-proċeduri penali u fuq kollox iż-żewġ proċeduri mhux bil-fors jaslu għall-istess riżultat.

»… … … l-ewwel qorti mbagħad tressaq argument illi qatt ma ġie invokat minn ebda parti u ċertament mhux mill-appellanti meta tistqarr: "In ġenerali, jista' jingħad li skond il-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-

qrati ma hemm xejn ħażin li ġudikant f'proċess ċivili jorbot deċiżjoni tiegħu mal-provi miġbura fi proċediment kriminali, u fil-fatt jingħad ukoll li fil-liġi ma hemm xejn kuntrarju għall-esebizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti". Fit-trattazzjoni tal-kawża quddiem l-ewwel qorti ħadd qatt ma qal mod ieħor, ħadd qatt ma ddubita l-valur probatorju tal-provi mressqa quddiem il-Kummissjoni għall-Kompetizzjoni u saħansitra ħadd qatt ma kkontesta l-esibizzjoni tad-deċiżjoni tal-istess kummissjoni.

»Ma huwiex iżda ċar kif l-ewwel qorti ma rnexxilhiex tagħmel id-distinzjoni bejn valur probatorju u stat ta' fatt stabbilit – bejn l-utilizz ta' dawk il-provi (inkluż id-deċiżjoni) mressqa quddiem il-kummissjoni bħala provi quddiemha stess f'din il-kawża għar-rizarċiment ċivili tad-danni u l-użu tad-deċiżjoni bħala stat ta' fatt illi għandu jiġi awtomatikament traspost kif inhu bħala sejbien ta' responsabbiltà ukoll fil-kawża tad-dritt privat. Ġuridikament hemm baħar jaqsam bejn it-tnejn u jidher illi l-ewwel qorti … ma apprezzatx argument illi huwa tant fundamentali fl-ordinament ġuridiku nostran.

»Minflok, l-ewwel qorti tkompli tistqarr illi l-aġir tal-intimata (l-appellanti odjerna) ġà ġie dikjarat anti-kompetittiv f'*foro* ieħor – u dan huwa minnu u qatt ma ntqal mod ieħor għax wara kollox id-deċiżjoni tal-kummissjoni titkellem waħedha u fl-aħħar nett terġa' … tħawwad il-kunċett ta' prova mal-bżonn ta' dikjarazzjoni ta' responsabbiltà *in primis* meta tikkonkludi hekk:

> »"Illi għalhekk fil-fehma tal-qorti s-soċjetà rikorrenti setgħet tippremetti fir-rikors ġuramentat tagħha li kellha provi biżżejjed, u dana mhux biss bis-sentenza tal-kummissjoni iżda sostnuta wkoll *ex novo* quddiem din il-qorti b'dokumentazzjoni u bi provi *viva voce* u *affidavits*, li jwasslu biex jiġi konfermat l-aġir anti-kompetittiv u diskriminatorju da parti tal-intimati liema aġir ikkawża danni lis-soċjetà rikorrenti."

»Din hija konklużjoni li fl-umli fehma tal-appellanti hija manifestament anti-ġuridika u, biex titkompla l-analoġija mressqa fit-trattazzjoni bil-miktub ta' din l-eċċezzjoni quddiem l-ewwel qorti, hija l-istess bħal meta wieħed jistqarr illi peress illi akkużat ikun instab ħati ta' reat, allura r-responsabbiltà ċivili f'kawża separata għad-danni hija xi ħaġa ġà stabbilita u għandha tiġi trasposta awtomatikament quddiem il-qorti ċivili li l-uniku rwol li jkun jifdlilha huwa dak ta' *calculator* sabiex taħdem id-danni.

»Dan evidentement mhux il-każ. U huwa għalhekk illi l-appellanti umilment titlob li din l-onorabbli qorti għandha takkolji l-eċċezzjonijiet tagħha u tiddikjara l-kawża kif impustata bħala nulla u insostenibbli fil-liġi tagħna.«

17. *Enemalta* qiegħda ttenni l-argument imressaq fl-ewwel eċċezzjoni tagħha meta qalet illi dikjarazzjoni ta' responsabilità kellha tingħata mill-qorti awtonomament u mhux bħala konsegwenza ta' deċiżjoni

meħuda minn organu ieħor, amministrattiv jew kważi-ġudizzjarju, li l-ftehim huwa anti-kompetittiv.

18. Dan l-argument iżda ma huwiex korrett. L-art. 27 tal-Kap. 379 fiż-żmien relevanti kien igħid hekk:

> »**27**. Meta quddiem xi qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili jiġi allegat li xi akkordju jew deċiżjoni jkunu nulli u mhux esegwibbli skond is-sub-artikolu (2) tal-artikolu 5 ta' dan l-Att[4], dik il-qorti għandha, kemm-il darba l-allegazzjoni ma tiġix ammessa mill-partijiet kollha fil-każ, tordna s-soprasessjoni tal-proċedimenti u tirreferi l-kwestjoni lill-kummissjoni li jkollha d-dritt li tiddetermina l-kwestjoni u l-qorti għandha tiddeċiedi l-kwestjoni skond id-deċiżjoni tal-kummissjoni.«

19. Mela l-qorti mhux biss setgħet tieħu bħala *datum* jew, fi kliem l-appellanti, *fait accompli* illi l-ftehim kien tassew wieħed anti-kompetittiv, iżda anzi kienet marbuta li tagħmel hekk; ma kellhiex għalfejn, u anzi ma setgħetx, tiddeċiedi hi jekk il-ftehim kienx wieħed projbit iżda kellha "tiddeċiedi l-kwestjoni skond id-deċiżjoni tal-kummissjoni".

20. L-ewwel qorti għalhekk għamlet sew illi qieset li l-ftehim li fih kienet parti l-appellanti kien wieħed anti-kompetittiv, bil-konsegwenzi li dan iġib miegħu.

21. L-argument imbagħad illi fir-rikors maħluf li bih inbdiet il-kawża ma hemmx talba għal dikjarazzjoni ta' responsabilità huwa wieħed fieragħ. La ntalbet kundanna għal ħlas ta' danni ntalab dak kollu meħtieġ biex tista' tintlaqa' t-talba. L-argument li biex titlob kundanna għall-ħlas ta' danni trid formalment titlob, qabel, dikjarazzjoni ta' responsabilità u likwidazzjoni tad-danni huwa argument artifiċjali li ma

---

[4] »Akkordji u prattiki projbiti«

hemm ebda utilità għalih f'sistema li l-għan tiegħu hu li jagħmel il-ħaqq u s-sewwa. Il-kawżi ma jintrebħux jew jintilfu għax xi ħadd għamel *punto* fejn kellu jagħmel *virgola*; il-kawżi jintrebħu u jintilfu skond min ikollu raġun jew tort.

22. Dan it-tieni aggravju huwa għalhekk miċħud.

23. Ngħaddu issa għat-tielet aggravju – dak ta' preskrizzjoni – billi jekk jintlaqa' dan l-aggravju l-aggravji fil-meritu ma jibqgħux relevanti. L-aggravju ġie mfisser hekk:

> »It-tielet aggravvju jirrigwarda l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Fir-risposta ġuramentata tagħha l-appellanti odjerna eċċepiet illi t-talbiet attriċi huma preskritti *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili u, sussidjarjament, *ai termini* tal-artikolu 2154(1) tal-Kap. 16, l-istess talbiet huma preskritti wkoll skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 27 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta).
>
> L-ewwel qorti ċaħdet din l-eċċezzjoni … … … imbagħad il-qorti tkompli tistqarr:
>
> > »"L-artikolu 26A(2) tal-Kap. 379 jgħid li l-perjodu ta' preskrizzjoni jibda jiddekkorri mid-data li fiha jsir il-ksur. Madankollu, fil-każ ta' ksur kontinwu jew ripetut, dan il-perjodu għandu jibda jiddekkorri mid-data li fiha jieqaf l-ksur. Issa f'dana l-każ is-soċjetà rikorrenti tallega li l-aġir anti-kompettiv u diskriminatorju ġie stabbilit kemm mill-Uffiċċju tal-Kummerċ Ġust kif ukoll mill-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust u għadu jippersisti sallum billi l-korporazzjoni għadha ma tridx toqgħod għad-direttiva li nħarġet kontra tagħha."
>
> »Issa qabel xejn irid jingħad illi ma jirriżulta minn imkien fl-atti illi l-aġir lanjat għadu jippersisti sallum billi l-korporazzjoni għadha ma tridx toqgħod għad-direttiva li nħarġet kontra tagħha. L-appellanti timxi llum, u sa minn dejjem imxiet, skont il-liġi applikabbli, ma hemm l-ebda ċirkostanza fejn "ma tridx toqgħod" għal xi "direttiva" (?) u qatt ma tressqet l-ebda prova ta' tali allegat aġir.
>
> »Stabbilit dak il-punt fattwalment skorrett huwa proprju in ottemperanza ma' u in applikazzjoni ta' dan ir-raġunament imressaq mill-qorti fil-paragrafi kwotati tas-sentenza illi kellha tintlaqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Dan ma seħħx għaliex … il-qorti ssorvolat numru ta' fatturi kruċjali u ta' elementi fattwali li joħorġu bl-aktar mod ċar mill-provi prodotti:
>
> »1. Fl-ewwel lok mhu minnu xejn li hawnhekk qed nitrattaw sitwazzjoni rikorrenti. Anzi *ex admissis* (u riportat mill-ewwel qorti stess fis-sentenza appellata f'diversi punti tagħha) ir-risarċiment mitlub mill-intimati kollha huwa temporalment ċirkoskritt ħafna u jirrigwarda l-perijodu ta' bejn l-10 ta' Mejju 2000 u d-9 ta' Awissu

2010. Il-kawza tressqet dwar dak il-perijodu u ġiet deċiża fuq dak il-perijodu[5];

»2. Fit-tieni lok huwa assodat illi wara l-Avviż Legali 102 tal-2002 maħruġ mill-ministru responsabbli, is-sitwazzjoni dwar il-ftuħ tal-pompi tal-*petrol* kienet regolata mil-liġi. Għamlet x'għamlet l-*Enemalta* qabel, hija ma kellha l-ebda effett fuq il-pompi in kwistjoni wara dan l-avviż għaliex l-istess bħas-soċjetà appellata hija kienet operatur fis-suq regolata mill-istess liġi u ovvjament l-appellanti ma tagħmilx liġijiet;

»3. Jirriżulta għalhekk illi – mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħrajn trattati fuq – l-appellanti *Enemalta* semmai hija responsabbli għall-aġir tagħha bejn id-data tal-ftehim, 18 ta' Marzu tal-1997, u d-data li fiha s-suq waqaf jiġi regolat minn tali ftehim u beda jiġi regolat mill-Avviż Legali, ossija fl-2002. Altru kwindi li hija preskritta l-azzjoni odjerna bit-terminu ta "ħames snin" applikat mill-ewwel qorti! L-aġir lanjat tal-appellanti li għalih trid twieġeb (kieku kienet tapplika għaliha l-liġi tal-kompetizzjoni f'dak iż-żmien) spiċċa fl-2002 u din il-kawża tressqet fl-2011 – disa' snin wara. *Ex admissis* din il-kawza giet preċeduta b'żewġ ittri uffiċjali datati 30 ta' Mejju 2009 u tal-10 ta' Gunju 2010.

»Il-fatti jitkellmu waħedhom. Id-dritt għall-eventwali riżarċiment fid-danni fil-konfront tal-appellanti ma ġiex protett b'atti ġudizzjarji li jinterrompu l-preskrizzjoni sabiex iżommu tali eventwali dritt ħaj. *Una volta* mressqa din l-eċċezzjoni u żviluppat dan l-argument, kien jispetta lis-soċjetà appellata illi tipprova illi effettivament hija interrompiet tali preskrizzjoni – ħaġa li naturalment ma għamlitx għaliex hija ma interrompietx il-preskrizzjoni u tilfet id-dritt illi tressaq din il-kawża għar-riżarċiment fid-danni.«

24. Li l-appellanti tgħid illi "ma hemm l-ebda ċirkostanza fejn 'ma tridx toqgħod' għal xi 'direttiva'" ma huwiex korrett. Kif sejrin naraw f'aktar dettall fit-trattazzjoni tar-rikors tar-regolatur[6], minkejja d-direttiva illi ngħatatilha mill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi biex tħallas lill-appellant r-rata sħiħa ta' *commission*, u minkejja li wieġbet lill-awtorità li sejra toqgħod għad-direttiva u tħallas lill-attriċi d-differenza fil-ħlasijiet, *Enemalta* baqgħet ma għamlet xejn minn dan u, anzi, ikkontestat u għadha tikkontesta din il-kawża sallum.

---

5 Fil-fatt l-ewwel qorti illikwidat danni minn April 2003, meta l-attriċi kellha tabbanduna s-sistema semi-awtomatiku u taqleb għal dak awtomatiku, u Awissu tal-2010 meta l-attriċi bigħet il-pompa lil terzi.

6 Para. 58 *et seqq.*, *infra*.

25. F'kull każ, id-disposizzjoni relevanti hija dik tal-art. 26 tal-Kap. 367 li fiż-żmien relevanti kienet tgħid hekk:

> »**26.** Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra, azzjoni kriminali għal reati taħt dan l-Att hija preskritta bl-għeluq ta' ħames snin.«

26. L-ewwel qorti qalet illi "skond l-artikolu 26A(4) tal-Kap. 379 il-perjodu ta' preskrizzjoni jiġi interrott meta jkun hemm proċeduri mibdija quddiem awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni". Dan ma huwiex għalkollox korrett. Id-disposizzjoni li ssemmi l-ewwel qorti ddaħħlet bl-art. 140 tal-Att VI tal-2011 u daħlet fis-seħħ fid-29 ta' April 2011, wara li nfetħet il-kawża tallum fil-31 ta' Jannar 2011. Il-materja tal-kawża tallum għalhekk ma tintlaqatx b'dik id-disposizzjoni.

27. Madankollu, kif ġà rajna[7], qabel setgħet tiftaħ kawża bħal dik tallum imsejsa fuq allegazzjoni ta' għemil anti-kompetittiv, l-attriċi kellha tikseb deċiżjoni f'dak is-sens mill-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust. Il-proċedura għal dan il-għan inbdiet mill-attriċi meta ressqet ilment quddiem l-Uffiċju tal-Kummerċ Ġust fl-4 ta' Jannar 2006. Il-preskrizzjoni għalhekk ġiet sospiża mill-4 ta' Jannar 2006 sakemm ingħatat id-deċiżjoni tal-kummissjoni fid-29 ta' Marzu 2010.

28. Fl-aħjar ipotesi għal *Enemalta* għalhekk, jekk tassew, kif tgħid hi fir-rikors tal-appell, illi "l-aġir lanjat tal-appellanti li għalih trid twieġeb spiċċa fl-2002"[8], ma għaddewx ħames snin bejn l-2002 u l-2006, meta l-preskrizzjoni kienet sospiża, u lanqas għaddew ħames snin bejn id-

---

[7] Para. 18 *et seqq.*, *supra*.

[8] Ara para. 2848 *et seqq.*, *infra*.

29 ta' Marzu 2010, meta l-preskrizzjoni reġgħet bdiet għaddejja, u l-31 ta' Jannar 2011 meta nfetħet il-kawża.

29. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

30. Ngħaddu għall-ewwel aggravju ta' *Enemalta*, li jolqot ir-responsabilità. L-appellanti tgħid illi l-ewwel qorti ma qisitx sew il-fatt illi fiż-żmien relevanti ma kinitx tintlaqat bil-liġi dwar il-kompetizzjoni. Tgħid ukoll illi, wara l-ħruġ tal-Avviżi Legali li jirregolaw il-materja, dak li seħħ seħħ bis-saħħa ta' dawk l-Avviżi Legali u mhux minħabba f'dak li għamlet jew ma għamlitx hi. L-aggravju ġie mfisser hekk:

> »L-ewwel aggravju tal-appellanti huwa wieħed ta' faċilità diżarmanti – il-Korporazzjoni *Enemalta* qed tiġi miżmuma responsabbli *in solidum* ma' oħrajn u kwindi sabiex tipprovdi riżarċiment fid-danni naxxenti minn allegat ksur tal-liġi meta dik il-liġi invokata ma kenitx tapplika għaliha meta wettqet l-aġir lanjat. Bl-akbar rispett huwa inkredibbli kif l-ewwel qorti setgħet għal kollox tinjora dan l-argument u twarrab fil-ġenb totalment il-kwistjoni mingħajr ma tipprovdi lanqas raġunament ħafif għaliex din l-eċċezzjoni u dan l-istat ta' fatt ma kinux qegħdin jigu aċċettati.
>
> »Il-kwistjoni tmur lura għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust illi sabet li l-ftehim milħuq mill-intimata *GRTU* u mill-*Enemalta* f'Marzu tal-1997 kien anti-kompetittiv u kien jikser id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta). Tajjeb li jsir rijassunt fattwali tal-fatti prinċipali li jiffurmaw il-bażi ta' dan l-aggravju:
>
> »1. Fit-18 ta' Marzu 1997 intlaħaq ftehim bejn l-*Enemalta* u l-*GRTU* dwar l-istruttura tal-kummissjoni fuq il-bejgħ tal-karburant minn pompi awtomatiċi:
>
> »2. Il-kumpannija *Velga Brothers* (predeċessur fit-titolu tar-rikorrenti odjerni) l-ewwel bdiet topera taħt din is-sistema mbagħad minħabba difett fil-makni mixtrija minnhom iddeċidew illi joperaw mod ieħor b'sistema li huma jsejħu "semi-awtomatika";
>
> »3. L-intimata l-oħra *GRTU* bagħtet ċirkolari lill-membri tagħha fil-11 ta' Frar 1999 fejn talbithom jenforzaw il-ftehim u jużaw *automatic pumps* biss wara l-ħinijiet ta' ftuħ;
>
> »4. Dan wassal għal ilment minn *Velga Brothers* quddiem l-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta u ieħor quddiem ir-regolatur l-Awtorità Maltija dwar ir-Riżorsi:
>
> »5. L-*Enemalta* dejjem baqgħet tieħu pożizzjoni li tinsisti li l-operaturi jonoraw dak il-ftehim;

»6. Il-ministru inkarigat mill-energija mbagħad ippubblika l-Avviż Legali nru 102 tal-2002 illi fih stabbilixxa kif kellu jiġi pprovdut is-servizz ta' distribuzzjoni tal-karburant mill-pompi tal-*petrol* wara l-ħinijiet tal-ftuħ u l-ministru kien ukoll adotta fil-liġi l-pompi awtomatiċi bħala l-metodu ta' distribuzzjoni;

»7. Dan l-Avviż Legali kien il-liġi applikabbli u s-sitwazzjoni ġiet imtennija mill-ministru intimat[9] anke bl-Avviż Legali 1 tal-2006.

»Stabbiliti dawn il-fatti mhux kontestati, ta' min jistabbilixxi ftit fatti illi juru bl-aktar mod ċar kif l-*Enemalta* ma hija passibbli għal ebda dannu allegatament soffert mir-rikorrenti għaliex fl-aġir tagħha tul is-snin assolutament ma kisret l-ebda liġi u ma hija responsabbli proprju għal ebda aġir illegali:

»a. Fl-ewwel lok, preliminarjament irid jiġi ribadit il-prinċipju bażiku li jidher illi r-rikorrenti konvenjentement jissorvolaw ossija illi fil-liġi kul-ħadd responsabbli għal għemilu u mhux għal għemil ħaddieħor (jekk ma jkunx fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali ta' *vicarious liability* bħal fil-każ ta' min iħaddem jew ta' ġenituri). Għalhekk l-*Enemalta* tirrispondi għal għemilha u mhux għal għemil il-ministru intimat jew il-*GRTU* u bl-istess mod l-intimati l-oħrajn iwieġbu individwalment għal għemilhom u mhux għall-atti jew omissjonijiet tal-*Enemalta*.

»Għalkemm dan il-prinċipju jidher ovvju qed jiġi sollevat koxjentement għaliex huwa bil-wisq evidenti t-tentattiv tar-rikorrenti li titfa' kollox f'borma waħda u tkun vaga immens dwar min huwa responsabbli għal xiex, meta u fejn. Dan mhux żball iżda huwa tentattiv deliberat da parti tar-rikorrenti għaliex taf illi l-*Enemalta* mhix responsabbli għar-raġuni-jiet imsemmija fis-subinċizi li jmiss ta' din in-nota.

»b. Fit-tieni lok, tista' taqbel jew ma taqbilx, tista' tkun illegali u mistkerrħa llum u forsi tista' wkoll ma tkunx prassi tajba jew li għandha xi ġustifikazzjoni ekonomika iżda l-*Enemalta* fl-1997 setgħet tidħol fi ftehim li llum insejħulu anti-kompetittiv mingħajr l-ebda effett fuqha fil-liġi. Mingħajr preġudizzju dwar jekk dak il-ftehim hux anti-kompetittiv jew le (għax kif intqal hemm kawża li qed tattakka d-deċiżjoni tal-kummissjoni[10]) fl-1997 l-*Enemalta* setgħet tidħol fi ftehim anti-kompet-ittiv u ma kisret l-ebda liġi b'hekk.

»Dan għaliex id-disposizzjonijiet tal-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta bdew japplikaw għall-*Enemalta* nhar l-1 ta' Mejju 2004, ossija fid-data tal-adeżjoni ta' Malta mal-Unjoni Ewropea. Wieħed jista' ma jaqbilx li l-*Enemalta* kienet tista' taġixxi b'mod li llum insejħu anti-kompetittiv u l-esponenti hija konxja illi meta tgħid illi hija "setgħet tagħmel li għamlet" tista' tidher kerha llum f'din in-nota iżda dik hija s-sitwazzjoni. Fl-1997 l-*Enemalta* setgħet tidħol fi ftehim anti-kompetittiv mingħajr ma ssofri l-ebda konsegwenza. L-Att dwar il-Kompetizzjoni ma kienx japplika għaliha.

»Huwa fatt inkonfutabbli u faċilment konstatabbli li sal-1 ta' Mejju 2004 l-operat tal-Korporazzjoni *Enemalta* ma kienx sindakabbli taħt il-liġi tal-kompetizzjoni, senjatament taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 5 u 9

---

9 Rajna (para. 14, *supra*) li ma kienx il-ministru konvenut li għamel dawn l-Avviżi Legali.

10 Dik il-kawża llum inqatgħet u d-deċiżjoni tal-kummissjoni ġiet konfermata. Ara *fn* 2, *supra.*

tal-Att. Dan kien joħrog mill-Artikolu 30 (kif dakinhar fis-seħħ) tal-Kap. 379 innifsu u sussegwentement mill-Avviżi Legali 421 tal-2001 u 144 tal-2002 sakemm eventwalment l-*Enemalta* u korporazzjonijiet pubbliċi oħrajn saru jaqgħu taħt il-liġi tal-kompetizzjoni.

»… … .

»Jekk wieħed jikkonsulta l-*marginal note* tal-artikolu 30 tal-lum jintebaħ illi dan ġie emendat bl-att tal-2003 wara t-Trattat ta' Adeżjoni ta' Malta mal-Unjoni Ewropea, b'effett mill-1 ta' Mejju 2004.

»Huwa għalhekk illi ċertament mid-data tal-ftehim fit-18 ta' Marzu 1997 ċertament sad-data tal-adeżjoni l-*Enemalta* setgħet tidħol fi ftehim bħal dak li daħlet, anke jekk anti-kompetittiv, għax il-liġi tal-kompetizzjoni ma kenitx tapplika għaliha. Mhux ta' b'xejn li dan l-argument ma ġiex ittrattat u dawn l-eċċezzjonijiet ġew għal kollox sorvolati mir-rikorrenti!

»ċ. Iżda lanqas ma hemm għalfejn wieħed imur sal-1 ta' Mejju 2004. *Ex admissis* fir-rikors ġuramentat odjern innifsu ir-rikorrenti jammettu bl-aktar mod ċar illi wara l-Avviż Legali 102 tal-2002 kien dan l-Avviż Legali, kienet il-liġi li titlob li l-ftuħ wara l-ħinijiet tal-pornpi tal-*petrol* seta' jsir biss bil-metodu awtomatiku u mhux il-famuż ftehim tal-*Enemalta* mal-*GRTU*. Dan l-Avviż Legali daħal fis-seħħ fit-2 ta' Mejju 2002.

»Issa naturalment l-*Enemalta* ma tippromulgax liġijiet. Huwa l-ministru li ħareg dan l-Avviż u jekk dan l-Avviż instab li jikser id-disposizzjonijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni allura jwieġeb għalih min ippromulgah u mhux l-*Enemalta*. Huwa għalhekk illi saret il-premessa fil-punt (a) illi fil-liġi kull persuna u/jew entità hija responsabbli għal għemilha u mhux għal għemil ħaddieħor, distinzjoni illum aktar importanti peress illi l-*Enemalta* ma għadhiex korporazzjoni pubblika interament proprjetà [*sc.* tal-gvern]. Kien għalhekk dan l-Avviż Legali li rregola s-suq mit-2 ta' Mejju 2002 'il quddiem u mhux il-ftehim bejn l-*Enemalta* u l-*GRTU*, u jekk id-deċiżjoni tal-kummissjoni tiġi konfermata bħala stat huwa għal dan l-Avviż Legali illi wieħed għandu jippunta bħala s-sors tar-regolamentazzjoni tas-suq li allegatament ħoloq id-dannu u mhux għal dak il-ftehim.

»Stabbiliti dawn il-prinċipji kwindi huwa ovvju illi anke jekk wieħed kellu jinjora l-fatt illi d-deċiżjoni tal-kummissjoni preżentement qed tiġi attakkata, anke jekk wieħed kellu jinjora l-fatt illi din il-kawża mhix preċeduta minn talba għal dikjarazjoni ta' responsabbiltà u anke jekk jinjora l-kwistjoni tal-preskrizzjoni jibqa' rinfaċċjat b'sitwazzjoni ċarissima: minn Mejju tal-2002 kien l-Avviż Legali li impona dik is-sistema u kwindi l-*Enemalta* mhix passibbli għalih. L-*Enemalta* bħar-rikorrenti kellha tbaxxi ruħha u tottempera lilha nfisha mal-liġi maħruġa mill-ministru. Kwindi l-*Enemalta* twieġeb biss għal għemilha bejn it-18 ta' Marzu 1997 (data tal-ftehim mal-*GRTU*) u t-2 ta' Mejju 2002. U f'dak iż-żmien il-komportament tagħha ma kienx sindakabbli taħt il-liġi tal-kompetizzjoni u kwindi ma kkommettiet proprju l-ebda ksur tal-ebda liġi għaliex il-liġi ma kenitx tapplika għaliha.

»Stabbiliti ukoll dawn il-fatti ċarissimi u din l-analiżi legali li ma għandha bżonn ta' ebda elaborazzjoni oħra, iridu jiġu mtennija żewġ elementi kruċjali li kellha quddiemha l-ewwel qorti, ossija: (a) il-fatt illi t-talbiet attriċi kif redatti jieħdu s-sejbien ta' responsabbiltà bħala fatt

stabbilit quddiem il-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust u (b) il-fatt illi l-appellanti odjerna qiegħda proprju tattakka dik id-deċiżoni tal-Kummissjoni quddiem din il-qorti (ċitazzjoni numru 938/2010 fl-ismijiet Korporazzjoni *Enemalta v.* Direttur tal-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta *et*) liema kawża ddaħħlet qabel Il-kawża odjerna. Dan kollu l-ewwel qorti ma tatx każu, anzi rrevokat inkredibilment id-digriet tagħha sabiex tissoprassjedi sakemm tiġi finalment deċiża l-ewwel kawża u, minflok, fuq din il-kwistjoni tant importanti tal-applikazzjoni temporali tal-liġi, fis-sentenza appellata ipprovdiet biss analiżi superfiċjali mingħajr l-ebda raġunament legali u mingħajr l-ebda kunsiderazzjoni dwar għaliex tali eċċezzjoni kienet qed tiġi miċħuda meta qalet:

> »illi l-Korporazzjoni *Enemalta* qed issostni li qabel is-sena 2004 hija setgħet tidhol ft ftehim anke anti-kompetittiv mal-*GRTU* u ma kinitx tkun qed tikser l-liġi. Hi ma emanatx il-liġi li setgħet wasslet għall-effetti anti-kompetittivi minħabba reġim regolatorju implimentat mill-ministru responsabbili permezz tal-Avviż Legali 102/2002. Fil-fehma tal-qorti, għalkemm il-korporazzjoni ma ppromulgat ebda liġi, iżda l-istess liġi inkorporat l-istess ftehim anti-kompetittiv li għamlet il-korporazzjoni u l-liġi saret fl-interess tagħha u gawdiet minnha hija. L-azzjoni mressqa mis-soċjetà rikorrenti tittratta l-kwistjoni dwar l-għoti ta' kummissjoni inqas mill-korporazzjoni lil-dawk id-distributuri li ma jużawx is-sistema awtomatika wara ċertu ħinijiet u fil-festi u l-Ħdud. Il-korporazzjoni rabtet l-eliġibilità għal ħlas ta' ċerta kummissjoni mal-mod ta' distribuzzjoni tal-karburant b'konsegwenzi finanzjarji negattivi għas-soċjetà rikorrenti. Għal-hekk il-korporazzjoni trid twieġeb għal dan l-allegat aġir anti-kompetittiv li kkawża danni lis-soċjetà rikorrenti."

»Dak kollox.

»Ir-riżultat ta' dan kollu hija sitwazzjoni għal kollox legalment insostenibbli – l-appellanti qed tiġi miżmuma responsabbli fid-danni għal aġir illi meta wettqitu ma kienx sindakabbli mil-liġi tal-kompetizzjoni, ma kienx ipprojbit u ma kien jikkostitwixxi l-ebda delitt ta' natura ċivili jew jikser xi regola ta' dritt pubbliku. Il-konfużjoni jidher li twieldet mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust illi naqset milli tiddikjara min mill-intimati kien qed jinżamm responsabbli għal xiex u għal liema żmien. Iżda l-ewwel qorti kellha l-fatti kollha quddiemha u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari setgħet faċilment tagħmel tali kostatazzjoni ta' responsabblitajiet relattivi – ħaġa li naqset illi tagħmel. Dan wassal għar-riżultat insostenibbli li l-appellanti qiegħda, kontra l-liġi u kontra kull norma ta' interpretazzjoni legali, u kull regola ta' applikazzjoni temporali tal-liġijiet kemm amministrattivi u penali kif ukoll dawk ċivili, tinżamm responsabbli għal aġir (illum definit anti-kompetittiv) li l-liġi stess espressament fl-artikolu 30 tal-Kap. 379 (viġenti dakinhar) kienet teskludiha milli tiġi sindakata dwaru.

»Huwa għalhekk illi fuq il-bażi ta' dan l-ewwel aggravju waħdu din l-onorabbli qorti *in vista* tas-suespost għandha tħassar is-sentenza appellata u, filwaqt illi takkolji t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tar-risposta ġuramentata, tiċħad it-talbiet attriċi fil-konfront tal-appellanti *Enemalta*.«

31. L-attriċi wieġbet hekk:

»L-ewwel aggravju tal-appellanti *Enemalta plc* huwa fis-sens illi hija ma kellhiex tinstab responsabbli għaliex il-liġi (tal-kompetizzjoni) invokata ma kinitx tapplika għaliha meta wettqet l-aġir lanjat.

»F'dan ir-rigward, l-esponenti tagħmel tagħha qabel xejn il-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust tad-29 ta' Marzu 2010 li fiha ġà ġiet stabbilita u ppruvata ir-responsabbilità tal-konvenuti. Id-deċiżjoni msemmija filwaqt li ikkonfermat il-konklużjonijiet preċedenti tad-Direttur tal-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta, stqarret illi l-intimati kollha kellhom jitqiesu responsabbli ta' ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni ġusta billi kollha ikkontribwew sabiex jimpedixxu lis-soċjetà esponenti milli topera l-pompa tal-*petrol* tagħha fil-ħinijlet li xtaqet "b'mod illi l-liġi tal-kompetizzjoni ġusta ma tiċċensurax".

»Id-deċiżjoni tal-kummissjoni li, kif intqal, stabbiliet ir-responsabbilità tal-konvenuti, hija ċara, u m'għandhiex għalfejn tiġi mtennija b'mod sħiħ. Jixraq però li ssir referenza għas "sinteżi tar-riżultanzi mill-ottika tal-liġi dwar il-kompetizzjoni ġusta" li tiġbor l-essenza tal-fatti qabel id-*decide* finali:

»"a. illi jirriżulta li l-korporazzjoni lanjata hi korporazzjoni monopolista, u fl-aħjar ipoteżi, wara li s-suq tax-xiri tal-karburant infetaħ, għandha pożizzjonl assolutament dominanti;

»"b. illi jirriżulta wkoll li l-*GRTU* hi għaqda li fost affarijiet oħra ġabet flimkien l-operaturi kollha tal-pompi tal-*petrol* biex b'hekk issaħħaħ ll-vuċi tal-membri tagħha fid-dawl tad-dett "fl-għaqda s-saħħa":

»"ċ. illi tali saħħa mhix waħda limitata biss għad-djalogu li l-istess *GRTU* setgħet daħlet fih ma' xi interolokutur partikolari iżda jirriżulta li din l-għaqda mmanipolat kemm lill-gvern kif ukoll lill-awtorità regolatorja involuta (il-*MRA*) billi lil tal-ewwel ipperswadietu jintroduċi żewġ Avviżi Legali li bihom impedixxa, rażżan u xekkel il-kompetizzjoni ġusta fis-suq tal-bejgħ tal-karburant minn pompi tal-*petrol* fil-Ħdud, festi pubbliċi u fil-ħinijiet fuq indikati billi statutorjament impona li l-kummissjoni ma tingħatax jekk l-operatur ikkonċernat iħaddem xi impjegat biex jassisti lill-konsumatur fl-istess ġranet u ħinijiet, u lil tal-aħħar irrendewh ineffettiv *stante* li għalkemm jirriżulta li ra l-anti-kompetittività tal-manuvra in disamina u ppromettа rimedju effettiv, xorta jibqa' inoperanti *nonostante* t-trapass ta' perjodu ta' qrib ħames snin;

»"d. illi in effetti l-operat tal-*GRTU* hu ekwiparabbli għal azzjoni ta' *cartel*, fejn bil-konsegwenza tal-għajnuna statutorja tal-gvern u tas-silenzju li jtarrax tal-awtorità *de quo*, dawn it-tliet entitajiet isiru ħaġa waħda biex effettivament ikunu kompliċi fl-impediment, trażżin u tfixkil tal-kompetizzjoni ġusta f'Malta."

»Id-deċiżjoni msemmija qieset lill-*Enemalta plc* bħala responsabbli għal aġir anti-kompetittiv u huwa sinjifikanti illi għalkemm l-appellanta ippruvat tħassar din id-deċiżjonl *tramite* proċeduri quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (938/2010), it-talba tal-*Enemalta* ġiet miċħuda mill-qorti.

»Issir referenza wkoll għal dak li ikkonkludiet il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza appellata, fejn intqal:

> »"Il-Korporazzjoni *Enemalta* qed issostni li qabel is-sena 2004 hija setgħet tidħol fi ftehim anke anti-kompetittiv mal-*GRTU* u ma kinitx tkun qed tikser l-liġi. Hi ma emanatx il-liġi li setgħet wasslet għall-effetti anti-kompetittivi minħabba regim regolatorju implimentat mill-ministru responsabbili permezz tal-Avviż Legali 102/2002. Fil-fehma tal-qorti għalkemm il-korporazzjoni ma ppromulgat ebda liġi iżda l-istess liġi inkorporat l-istess ftehim anti-kompetittiv li għamlet il-korporazzjoni u l-liġi saret fl-interess tagħha u gawdiet minnha hija. L-azzjoni mressqa mis-soċjetà rikorrenti tittratta l-kwistjoni dwar l-għoti ta' kummissjoni inqas mill-korporazzjoni lil dawk id-distributuri li ma jużawx is-sistema awtomatika wara ċertu ħinijiet u fil-festi u l-Ħdud. Il-korporazzjoni rabtet l-eliġibilità għal ħlas ta' ċerta kummissjoni mal-mod ta' distribuzzjoni tal-karburant b'konsegwenzi finanzjarji negattivi għas-soċjetà rikorrenti. Għalhekk il-korporazzjoni trid twieġeb għal dan l-allegat aġir anti-kompetittiv li kkawża danni lis-soċjetà rikorrenti."

»L-esponenti tagħmel tagħha dan ir-raġunament, però żżid tgħid illi mill-provi jirriżulta ċar illi l-Korporazzjoni *Enemalta* konxjament u deliberatament ippparteċipat f'aġir anti-kompetittiv illi, għalkemm seta' ma kienx aġir "illegali" mill-ottika tagħha, kien ċertament "illegali" safejn kien jinvolvi entitajiet u partijiet oħra (ngħidu aħna l-*GRTU* u l-membri tagħha). Ma jistax ma jingħadx ukoll illi saħansitra qabel l-2004 kienu ngħataw direttivi mill-Awtorità Maltija dwar ir-Riżorzi sabiex ma jaġixxux b'mod diskriminatorju fil-konfront tal-esponenti. Mela, kuntrarjament għal dak li tistqarr *Enemalta plc*, anke qabel l-2004 l-*Enemalta* kienet qed taġixxi illegalment għaliex kisret obbligi imposti fuqha mill-Awtorità Maltija dwar ir-Riżorsi, li kienet ir-regolatur fil-qasam tar-riżorsi. Kienet qed taġixxi illegalment ukoll għaliex kienet kompliċi u parteċipi f'aġir li, għal ħaddieħor, kien illegali. Għal dawn ir-raġunijiet l-*Enemalta* trid terfa' r-responsabbilitajiet tagħha.

»Huwa għalhekk sottomess illi l-ewwel aggravju tal-appellanta *Enemalta plc* jistħoqqlu li jiġi miċħud.«

32. L-argumenti ta' *Enemalta* f'dan l-aggravju essenzjalment huma tnejn: l-ewwel wieħed hu li bejn meta sar il-ftehim mal-*GRTU* fl-1997 u meta nħareġ l-Avviż Legali 102 tal-2002 f'Mejju tal-2002 hija ma kinitx tintlaqat bil-liġi dwar il-kompetizzjoni, u għalhekk ma tweġibx għal dak li sar bis-saħħa ta' dak il-ftehim ukoll jekk dak il-ftehim jitqies anti-kompetittiv; it-tieni argument hu li wara li daħal fis-seħħ dak l-Avviż Legali is-sitwazzjoni ma baqgħetx regolata bil-ftehim mal-*GRTU* iżda bl-Avviż Legali nnifsu, u għalhekk dak li għamlet *Enemalta* kien b'ħarsien tal-liġi u mhux b'ħarsien tal-ftehim. L-appellanti tqanqal ukoll

il-kwistjoni jekk il-ftehim mal-*GRTU* għandux jitqies li huwa anti-kompetittiv. Rajna iżda fil-konsiderazzjonijiet dwar it-tieni aggravju[11] tal-appellanti illi din il-kwistjoni hija magħluqa.

33. Nibdew bl-ewwel argument: li l-liġi dwar il-kompetizzjoni ma kinitx tolqot lil *Enemalta*. L-art. 30 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni, kif kien fis-seħħ bejn l-1 ta' Frar 1995 (meta għadda b'liġi l-Att) u l-24 ta' Novembru 2000, meta l-art. 30 ġie sostitwit bl-art. 27 tal-Att XXVIII tal-2000, kien igħid hekk:

> »**30.** (1) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ma għandhomx japplikaw għal dipartiment tal-Gvern jew għal xi korp ġuridiku mwaqqaf b'liġi jew għal xi kumpannija jew soċjetà oħra li fihom il-Gvern, direttament jew indirettament, ikollu xi sehem biżżejjed biex jikkontrolla sa dak iż-żmien meta l-Ministru b'ordni fil-Gazzetta jiddikjara lil dak id-dipartiment, korporazzjoni, kumpannija jew soċjetà bħala li jkunu hekk suġġetti.
>
> »(2) Ordni magħmul bis-saħħa tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu jispeċifika l-attivitajiet ta' kull dipartiment tal-Gvern, korporazzjoni, kumpannija jew soċjetà li jkunu suġġetti għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att … … …«

34. Bl-Avviż Legali 16 tal-1995 il-ministru ddikjara liema dipartiment *etc.* kellu jitqies li jintlaqat bid-disposizzjonjiet tal-Att, u l-Korporazzjoni *Enemalta* ma kinitx fosthom.

35. L-art. 30 tal-Att ġie sostitwit bl-art. 27 tal-Att XXVIII tal-2000 u ġie jgħid hekk:

> »**30.** (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom japplikaw ukoll għal kull dipartiment tal-Gvern jew għal kull korp magħqud imwaqqaf b'liġi jew għal kull kumpannija jew soċjetà oħra li fihom il-Gvern, direttament jew indirettament, ikollu l-kontroll jew li lilhom il-Gvern ikun ikkonċeda drittijiet speċjali jew esklużivi f'xi qasam.

[11] Para. 18 *et seqq.*, *supra*.

»(2) Intrapriżi illi ġew fdati bit-tħaddim ta' servizzi li jkunu ta' interess ekonomiku ġenerali jew li jkollhom ix-xejra ta' monopolju li jipproduċi dħul finanzjarju għandhom ikunu suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att sakemm l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli ma' tkun toħloq ebda ostaklu, ta' liġi jew ta' fatt, fit-twettiq tal-ħidmiet partikolari fdati lilhom.

»(3) Il-Ministru jista' b'ordni fil-Gazzetta jiddikjara xi servizz speċifiku fdat lil intrapriża partikolari bħala servizz fl-interess ekonomiku ġenerali.«

36. Fit-2 ta' Ottubru 2001 ġie pubblikat l-Avviż Legali 241 tal-2001 – Ordni ta' Eżenzjoni għall-finijiet tal-artikolu 30 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni – li jgħid illi:

»Bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 30(2) tal-Att [dwar il-Kompetizzjoni], u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għas-Servizzi Ekonomiċi qiegħed b'dan jordna li mill-1 ta' Ottubru 2001 id-disposizzjonijiet tal-istess Att m'għandhomx japplikaw għal dawn il-korporazzjonijiet jew kumpanniji li ġejjin:

»… … …

»Korporazzjoni Enemalta«

37. Dan l-Avviż Legali tħassar bl-Avviż Legali 144 tal-2002, li bidel il-lista ta' entitajiet li għalihom id-disposizzjonijiet tal-Att ma japplikawx, iżda l-Korporazzjoni *Enemalta* terġa' tissemma fil-lista l-ġdida li wkoll jingħad li saret mill-Ministru għas-Servizzi Ekonomiċi bis-setgħat mogħtija lilu bl-art. 30(2) tal-Att.

38. Għalhekk, bla ma nidħlu fil-kwistjoni jekk l-art. 30(2) (jew (3)) tal-Kap. 379 jagħtix lill-ministru s-setgħa li joħroġ Ordni ta' Eżenzjoni jew jagħtihx biss is-setgħa li "jiddikjara xi servizz speċifiku fdat lil intrapriża partikolari bħala servizz fl-interess ekonomiku ġenerali", u mbagħad ikun imiss lil dik l-intrapriża turi li d-disposizzjoniet tal-liġi joħolqu "ostaklu, ta' liġi jew ta' fatt, fit-twettiq tal-ħidmiet partikolari" fdati lilha, *Enemalta* kienet eżenti mid-disposizzjonijiet tal-Kap. 379 bejn Frar tal-

1995 sal-24 ta' Novembru 2000, u mill-1 ta' Ottubru 2001 sa meta fl-1 ta' Mejju 2004 Malta saret membru tal-Unjoni Ewropea.

39. Il-kwistjoni iżda ma hijiex jekk *Enemalta* kinitx tintlaqat bid-disposizzjonijiet tal-Kap. 379 iżda jekk jintlaqatx b'dawk id-disposizzjonijiet il-ftehim tat-18 ta' Marzu 1997 bejn *Enemalta* u l-*GRTU*. Din il-qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-attriċi illi biex dak il-ftehim ma jintlaqatx bil-liġi jrid ikun sar bejn partijiet li lkoll ma jintlaqtux bil-liġi. *Enemalta* ma ngħatax is-setgħa li tidħol fi ftehim anti-kompetittiv ma' entità li tintlaqat bil-liġi dwar il-kompetizzjoni. Il-ftehim ma kienx att unilaterali ta' *Enemalta*, li allura kien igawdi mill-eżenzjoni, iżda kien att bilaterali, u, jekk parti għall-ftehim hija soġġetta għal-liġi, mela l-ftehim kollu jkun bi ksur tal-liġi, jekk tassew kien anti-kompetittiv. F'dak il-każ il-ftehim kollu jsir illeċitu, u mhux leċitu għal parti u lleċitu għall-oħra biss.

40. Din l-ewwel parti tal-aggravju hija għalhekk miċħuda.

41. Ngħaddu issa għat-tieni parti tal-aggravju: stabbilit issa li dak li għamlet *Enemalta* fl-implimentazzjoni tal-ftehim mal-*GRTU* kien illeċitu, tinbidel is-sitwazzjoni meta dak li għamlet għamlitu mhux b'implimentazzjoni tal-ftehim iżda minħabba dak li jimponu l-Avviżi Legali 102 tal-2002 u 1 tal-2006?

42. Naraw qabel xejn xi jgħidu dawn l-Avviżi Legali.

43. Ir-reg. 34(2) tal-A.L. 102 tal-2002 [Regolamenti tal-2002 dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ] igħid hekk:

»(2) Il-limitu massimu ta' ħinijiet tax-xogħol li matulhom post kummerċjali jista' jibqa' miftuħ u jistgħu jiġu ġestiti attivitajiet kummerċjali għall-qadi ta' parruċċani għandhom ikunu dawk murija dwar dak il-post kummerċjali jew dik l-attività kummerċjali fit-Tielet Skeda li tinsab ma dawn ir-regolamenti.«

44. Ir-reg. 36(2) tal-A.L. 1 tal-2006 [Regolamenti tal-2006 dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ] igħid l-istess ħaġa, ħlief illi juża l-kelma "konsumaturi" flok "parruċċani".

45. Imbagħad fit-Taqsima II [Attivitajiet Kummerċjali Speċifiċi] tat-Tielet Skeda [Ħinijiet tax-Xogħol] taż-żewġ Avviżi Legali jingħad dan li ġej:

»01. Stazzjonijiet tal-*Petrol*[12]

»Il-ħinijiet tax-xogħol għall-bejgħ bl-imnut manwali ta' karburanti għall-karrozzi u vetturi[13] jkun dan li ġej:

»Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mis-6.00*a.m.* sas-6.00*p.m.*
»Is-Sibt[14] mis-6.00*a.m.* sat-3.00*p.m.*

»Il-ħinijiet tax-xogħol għall-bejgħ bl-imnut ta' karburanti għall-karrozzi u vetturi minn pompi awtomatizzati[15] m'hu ristrett b'ebda mod.

»Għall-iskop ta' dawn ir-regolamenti "pompi awtomatizzati" tfisser kull pompa li minnha konsumatur jista' jixtri l-karburanti mingħajr il-ħtieġa li jkun hemm jattendi s-sid tal-istazzjon tal-*petrol*, jew xi ħadd mill-impjegati tiegħu, jew xi persuna oħra f'ismu, li jkunu preżenti fl-istazzjon.«

46. Dawn l-Avviżi Legali jirregolaw il-ħinijiet li matulhom jistgħu jinżammu miftuħa l-pompi, kemm jekk awtomatizzati u kemm jekk le; ma jirregolawx il-ħlasijiet li jsiru minn *Enemalta*. Jekk l-attriċi billi żżomm il-pompa miftuħa f'ħinijiet li mhux suppost kienet qiegħda tikser il-liġi, din ħaġa li taraha l-pulizija, mhux *Enemalta*. *Enemalta* għalhekk ma kinitx

12 Fl-A.L. 1 tal-2006 jissemmew "Stazzjonijiet tal-Pulizija" flok "Stazzjonijiet tal-*Petrol*" iżda dan huwa ovvjament żball għax it-test juri ċar li qiegħed jirregola l-ħinijiet ta' stazzjonijiet mnejn jinbigħ il-karburant.

13 Fl-A.L. 1 tal-2006 bejn il-kelmiet "vetturi …" u "… jkun" hemm miżjuda l-kelma "għandu".

14 Fl-A.L. 1 tal-2006 hemm il-kelma "Sibtijiet" flok "Is-Sibt".

15 Fl-A.L. 1 tal-2006 hemm il-kelma "awtorizzati" flok "awtomatizzati". Dan jidher li hu żball ieħor għax fil-paragrafu ta' wara hemm tifsira ta' "pompi awtomatizzati" mhux ta' "pompi awtorizzati".

ġustifikata meta, bil-pretest tal-Avviżi Legali, ma ħallsitx lill-attriċi dak li kellha tħallasha, u baqgħet ma ħallsithiex ukoll wara li l-imġieba tagħha ġiet formalment dikjarata li kienet bi ksur tal-ħtiġijiet tal-kummerċ ġust.

47. F'dan l-istadju iżda għandu jingħad ukoll illi għalkemm fil-verità l-attriċi ġarrbet u talbet kumpens għal żewġ kategoriji ta' telf – telf minħabba nuqqas fil-bejgħ u telf għax *Enemalta* tħallasha b'rata mnaqqsa ta' *commission* fuq il-bejgħ li jsir – l-ewwel qorti llikwidat biss danni tal-ewwel kategorija. L-attriċi ma appellatx minn dan u għalhekk din il-qorti għall-għanijiet ta' dan l-appell tista' tqis biss id-danni likwidati mill-ewwel qorti. Billi l-ewwel qorti ma illikwidatx danni minħabba l-ħlas ta' *commission* b'rata mnaqqsa, dak li ngħad fil-paragrafu ta' qabel dan ma jistax ikollu effett fuq il-likwidazzjoni tad-danni.

48. Tibqa' mela l-kwistjoni jekk, wara d-dħul fis-seħħ tal-Avviżi Legali, kienx l-effett ta' dawk l-Avviżi Legali, u mhux l-għemil ta' *Enemalta*, li wassal biex jonqos il-bejgħ u, konsegwentement, il-qligħ tal-attriċi. Dan l-aspett tal-kwistjoni għandu aktar relevanza ladarba l-ewwel qorti illikwidat biss danni għal telf ta' qligħ.

49. Fil-fehma ta' din il-qorti, għalkemm, kif rajna fil-paragrafi ta' qabel dan, *Enemalta* ma kinitx ġustifikata li tkompli tħallas il-*commission* bin-nieqes, ma jistax jingħad ukoll illi, wara l-ħruġ tal-Avviżi Legali, it-tnaqqis fil-bejgħ mill-pompi tal-attriċi kien dovut għall-kollużjoni bejn *Enemalta* u l-*union*: kienu l-Avviżi Legali, mhux l-għemil jew nuqqas ta' *Enemalta*, li ma ħallewx lill-attriċi tkompli tinqeda bis-sistema semi-

awtomatiku. Din il-qorti ma tistax taqbel mal-ewwel qorti meta din tgħid illi, għax "l-istess liġi inkorporat l-istess ftehim anti-kompetittiv li għamlet il-korporazzjoni u l-liġi saret fl-interess tagħha u gawdiet minnha hija", mela *Enemalta* tibqa' responsabbli għal dak li jsir taħt dik il-liġi. Sakemm it-tnaqqis fil-bejgħ tal-attriċi seħħ minħabba l-kollużjoni bejn *Enemalta* u l-*union*, *Enemalta* twieġeb għat-telf li ġarrbet l-attriċi minħabba dak it-tnaqqis; meta iżda l-kawża ta' dak it-telf kienet il-liġi, b'mod li xejn minn dak li setgħet tagħmel jew ma tagħmilx *Enemalta* minn dak il-waqt 'il quddiem ma kien jibdel is-sitwazzjoni, ma tistax iżjed tintefa' responsabilità fuq *Enemalta*.

50. Għalhekk, għalkemm *Enemalta* għandha twieġeb għaż-żmien kollu għan-nuqqas tagħha li tħallas lill-attriċi l-*commission* bir-rata sħiħa (iżda dwar dan l-ewwel qorti ma illikwidatx danni), għat-telf fil-bejgħ minħabba l-kollużjoni bejnha u l-*union* għandha twieġeb biss sakemm saru l-Avviżi Legali l-kawża waħdanija ta' dak it-telf. *Enemalta* għalhekk twieġeb għat-telf fil-bejgħ qabel it-2 ta' Mejju 2002, meta daħal fis-seħħ l-ewwel Avviż Legali, l-A.L. 102 tal-2002, iżda mhux wara dik id-data.

51. L-ewwel qorti iżda ħadmet id-danni b'seħħ mill-31 ta' Marzu 2003, billi qabel dik id-data l-attriċi kienet għadha tinqeda bis-sistema semi-awtomatiku, li jfisser li *Enemalta* ma tweġibx għad-danni likwidati mill-ewwel qorti. Barra minn hekk, ladarba l-ewwel qorti ma llikwidat ebda danni minħabba ħlas ta' *commission* bin-nieqes, dan ifisser li *Enemalta* lanqas tista' tiġi kundannata tħallas dawn id-danni għalkemm

responsabbli għalihom, ladarba ma sar ebda appell mil-likwidazzjoni magħmula mill-ewwel qorti.

52. Fis-sens kif imfisser hawn fuq għalhekk l-aggravju ta’ *Enemalta* għandu jintlaqa’ u t-talba tal-attriċi għall-kundanna ta’ *Enemalta* għall-ħlas tad-danni għandha tiġi miċħuda.

53. Ngħaddu issa għall-appell tar-regolatur. L-ewwel aggravju jolqot is-sejbien ta’ responsabilità tar-regolatur, u ġie mfisser hekk:

> »… l-aggravji tal-appellanti … jikkonsistu fis-segwenti:
>
> »1. illi l-ewwel qorti żbaljat meta warrbet l-eċċezzjonl tal-awtorità li hija ma kellha l-ebda setgħa li tippromulga l-liġijiet hija stess u li għal-daqstant ma kellhiex responsabbiltà u ma kellhiex twieġeb għall-konsegwenzi emanenti mill-applikazzjoni tal-A.L. 102 tal-2002 u tal-Avviż Legali 1 tal-2006;
>
> »2. illi idejn l-awtorità ntrabtu bil-ħruġ tal-Avviżi Legali msemmija, meta sewwasew wieħed japprezza li l-awtorità qatt ma kellha u lanqas għandha s-setgħa li tannulla jew twarrab liġijiet, setgħa li *del resto* legalment tispetta lill-Uffiċċju dwar il-Kompetizzjoni Ġusta u lill-Kummissjoni tal-Kummerċ Ġust, mhux lill-awtorità;
>
> »3. illi *del resto* l-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust stess kienet ikkonkludiet illi f’dan il-każ ma kellhiex il-poter li tħassar l-Avviżi Legali hija nnifisha, aħseb u ara kemm setgħat tagħmel dan l-awtorità, meta lanqas l-entità preposta b’din is-setgħa ma kellha l-*vires* li tagħmel dan f’din is-sitwazzjoni;
>
> »4. illi filwaqt li huwa veru li, skont id-dritt ewropew tal-kompetizzjoni, kemm intrapriżi kif ukoll l-istati membri nfushom jistgħu jinżammu responsabbli ta’ aġir anti-kompetittiv, l-istess Kummissjoni Ewropea tagħraf ukoll li meta l-intrapriża tiġi mġiegħla ġġib ruħha b’ċertu mod (kif inhu l-każ in kwistjoni), l-intrapriża ma tistax taġixxi awtonomament u b’hekk ma tistax tinżamm responsabbli tant l-istess dritt tal-kompet-izzjoni;
>
> »Minflok, l-ewwel qorti, b’mod żbaljat, ikkonkludiet dan li ġej:
>
> > »“Għalkemm l-Awtorità dwar ir-Riżorsi formalment ma tatx l-eċċ-ezzjoni li hija mhijiex il-leġittimu kontradittur, fl-eċċezzjoni tagħha hija sostanzjalment qed tgħid l-istess ħaġa meta wieġbet li hi ma tistax tinżamm responsabbli flimkien jew *in solidum* mal-konvenuti l-oħra għal kwalunkwe operat tal-konvenuti li jista’ jiġi dikjarat bħala illegali jew illeċitu; anzi hija tgħid li aġixxiet u qdiet il-funzjonijiet tagħha *entro* l-parametri u drittijiet legali tagħha u *in buona fede*.”
>
> »L-eċċezzjoni tal-awtorità li tiċħad ir-responsabbiltà tagħha għall-ħruġ u l-applikazzjoni prattika tal-Avviżi Legali msemmija kwindi tindirizza n-

nuqqas ta' ness kawżali bejn l-aġir proprju tal-awtorità u l-limitazzjonijiet abużivi u illegali imposti fuq il-ħinijiet tal-ftuħ tal-pompi tal-*petrol* u l-metodu tal-bejgħ tal-*fuel*.

»L-awtorità dejjem uriet li kienet favur li d-disposizzjonijiet relevanti tal-Avviżi Legali 102 tal-2002 (l-Avviż Legali li ppreċeda l-Avviż Legali 1 tal-2006) kellhom jiġu riveduti u din kienet predisposizzjoni favorevoli tagħha għal żvilupp simili. Dan però l-awtorità għamlitu bil-*buona volontà* tagħha u mhux għaliex kella xi obbligu statutorju jew legali ieħor. Jingħad li huwa ċar li t-talba magħmula lill-awtorità li tieħu passi sabiex jiġu revokati d-disposizzjonijiet li jinsabu f'Regolamenti li huma ppromulgati taħt il-Kap. 441 tal-Liġijiet ta' Malta qatt ma setgħat tiġi attwata minnha nnifisha għax l-awtorità qatt ma kellha l-ebda setgħa mogħtija lilha skont il-liġi li tieħu din it-tip ta' azzjoni.

»L-ewwel qorti, minflok eżaminat l-eċċezzjoni tal-awtorità għar-rigward tan-nuqqas ta' ness ta' kawżalità bejn l-aġir tal-awtorità u l-allegat dannu arrekat lis-soċjetà appellata, u li għalhekk ma kellhiex teżisti xi responsabbiltà min-naħa tal-awtorità, injorat ix-xiehda u l-provi prodotti billi ddeċidiet abbażi ta' eċċezzjoni li lanqas ġiet imqajma mill-awtorità (dik li hija mhijiex il-leġittimu kontradittur).

»Ma jidhirx illi kienet raġonevoli l-konklużjoni illi ċaħdet il-punt billi ddeċidlet abbażi ta' eċċezzjoni mhux imqajma minnha għaliex il-provi miġjuba kienu validi u legali, u allura l-ewwel qorti kellha teżamina x-xiehda u l-provi prodotti f'dan is-sens, inkluż ix-xiehda … fejn ġie rilevat li r-regoli tal-Unjoni rigward il-kompetizzjoni ma japplikawx għall-intrapriżi meta l-kondotta li tkun qiegħda tiġi attribwita lilhom tkun imposta fuqhom mill-awtoritajiet nazzjonali kif konfermat mill-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea fosthom *case* C-18/88 *RTT v GB-Inno-BM* [1991], u *case* C-320/91 *Corbeau* [1993].

»Din l-eċċezzjoni u dawn il-provi u xiehda ġew … in parti interpretati ħażin u in parti injorati mill-ewwel qorti u għalhekk jingħad illi hija injorat provi rilevanti.

»Bl-istess xiehda inġiebet prova li l-istess Kummissjoni Ewropea tagħraf ukoll li meta l-intrapriża tiġi mġiegħa ġġib ruħha b'ċertu mod (kif ġara fil-każ tal-awtorità), l-intrapriża ma tistax taġixxi awtonomament u b'hekk ma tistax tinżamm responsabbli tant l-istess dritt tal-kompetizzjoni:

> »"11. Both companies and the Member States can be responsible for violations of EC competition law according to the circumstances of the case.
>
> »"12. When the potentially anticompetitive practice is an autonomous decision of the undertaking the competition rules of the Treaty (articles 81 and 82) apply. If, on the contrary, an undertaking would be forced by legislation (or other types of binding state measures) to behave in a certain way, the undertaking can no longer act autonomously and may invoke the so called 'state action defence' to escape responsibility under competition law.«[16]

[16] »Paġna 4 tar-*Roundtable on the Application of Antitrust Law to State-owned Enterprises – European Commission*.«

»Għalhekk kien ċar u manifest li dik is-sitwazzjoni li ssemmi l-Kummissjoni Ewropea fejn 'intrapriża' ma tistax taġixxi awtonomament minn miżuri leġislattivi bħall-A.L. 102 tal-2002 u l-A.L. 1 tal-2006 japplika fil-każ tal-awtorità u li għalhekk l-istess awtorità ma kellhiex tinżamm responsabbli kif ġara fis-sentenza appellata.

»Jingħad ukoll illi l-awtorita ppreżentat provi u xiehda biżżejjed li jippruvaw dan in-nuqqas ta' ness ta' kawżalità u li kien żbaljat u mhux korrett li l-ewwel qorti ddeċidiet illi ssib lill-awtorità responsabbli għal danni flimkien mal-konvenuti l-oħra.«

54. L-attriċi wieġbet hekk:

»Qabel xejn, huwa interessanti illi wieħed jinnota li r-regolatur appellant mhux qed jiċħad illi seħħ aġir anti-kompetittiv a detriment tal-esponenti *Hompesch Station Limited*. Lanqas qed tiċħad illi daħlu fis-seħħ liġijiet li hija ma qablitx magħhom għaliex kienu jirrestrinġu s-suq tal-*fuel* u jwasslu għal diskriminazzjoni u anti-kompetittività. Kemm hu hekk, il-pern tad-difiża tar-regolatur hija fis-sens illi tal-aġir anti-kompetittiv għandu jaħti ħaddieħor (*cioè* l-appellanti l-oħra) għaliex hija kienet marbuta b'liġi. F'dan ir-rigward, tikkwota każistika ewropea li tgħid illi meta intrapriża tkun imġiegħla taġixxi b'ċertu mod minħabba liġi introdotta mill-istat, mela ma tistax titqies responsabbli ta' aġir anti-kompetittiv.

»Il-fatt tassew ironiku hu l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi mhijiex "intrapriża" kwalunkwe iżda hija stess kienet organu tal-istat, awtorità mwaqqfa mil-liġi proprju biex tirregola l-qasam tal-enerġija. Fil-fatt, l-Att li bih kienet twaqqfet l-*MRA* [Kap. 423 tal-Liġijiet ta' Malta] kien isemmi fost il-funzjonijiet tal-awtorità:

> »"(*a*) li tirregola, tissorvelja u żżommm fil-konjizzjoni tagħha kull prattika, operazzjoni u attività li tirrigwarda r-riżorsi tal-enerġija, l-ilma u l-minerali;"

»u addirittura li:

> »"(*d*) li tiżgura kompetizzjoni ġusta f'kull prattika, operazzjoni u attività bħal dik."

»Il-lanjanza tal-attriċi appellata fir-rigward tal-awtorità hija essenzjalment ibbażata fuq il-fatt illi, minkejja li l-awtorità kienet konxja bl-aġir anti-kompetittiv tal-*Enemalta*, tant li tat deċiżjonijiet u ordnijiet lill-*Enemalta* (li ma ġewx segwiti), l-awtorità naqset illi tipprovdi rimedju effettiv biex jinqered aġir anti-kompetittiv f'kamp (tal-enerġija) li jaqa' prettament taħtha. L-awtorità kienet saħansitra wiegħdet illi se tara li l-liġi tinbidel b'tali mod illi l-aġir anti-kompetittiv ma jkomplix. Mhux talli li ma ġarax hekk, iżda talli l-kundizzjonijiet anti-kompetittivi tal-ftehim bejn l-*Enemalta* u l-*GRTU* komplew jiġu konfermati u kristallizzati *ex lege.*

»Issa r-tegolatur qiegħed itenni dak li stqarret l-*MRA* quddiem l-ewwel qorti, meta konvenjentement qalet illi hija għamlet li setgħet biex ma jseħħx l-aġir anti-kompetittiv. Madanakollu, mill-provi ma rriżulta xejn ħlief li saru xi proposti leġislativi li qatt ma ġew segwiti. L-appellata *Hompesch Station Limited* tissottometti għalhekk illi l-*MRA* għandha ġġorr sehemha mir-responsabbilità.

> »F'dan ir-rigward, l-appellata … tagħmel tagħha r-raġunament tal-ewwel qorti dwar ir-responsabbilità tal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi.«

55. Jingħad qabel xejn illi qiegħed igħid sew ir-regolatur illi l-eċċezzjoni li l-ewwel qorti qisitha bħallikieku eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittim-azzjoni passiva fil-fatt kienet eċċezzjoni fil-meritu, *viz.* eċċezzjoni ta' nuqqas ta' responsabilità.

56. Kif sewwa tgħid l-attriċi l-art. 4(1)(*a*) u (*d*) tal-Att tal-2002 dwar Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi [Kap. 423] fiż-żmien relevanti kienu jgħidu illi fost id-dmirijiet u setgħat tal-awtorità hemm dawk "(*a*) li tirregola, tissorvelja u żżomm fil-konjizzjoni tagħha kull prattika, operazzjoni u attività li tirrigwarda r-riżorsi tal-enerġija, l-ilma u l-minerali" u "(*d*) li tiżgura kompetizzjoni ġusta f'kull prattika, operazzjoni u attività bħal dik".

57. Għalkemm fir-rikors promotur l-attriċi tilmenta dwar "l-aġir anti-kompetittiv u diskriminatorju tal-intimati jew min minnhom", l-ilment tal-attriċi dwar li l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi (il-predeċessur tar-regolatur) ma huwiex illi din ħadet sehem f'dak "l-aġir anti-kompetittiv u diskriminatorju" iżda li ma nqdietx bis-setgħat tagħha li trażżan dak l-għemil.

58. Ma huwiex għalkollox korrett li tgħid li l-awtorità ma għamlet xejn biex trażżan l-għemil anti-kompetittiv. B'deċiżjoni tal-24 ta' Settembru 2002, wara lment tal-attriċi, l-awtorità iddeċidiet hekk:

> »1. As the competent authority to rule on issues of fair competition in the energy sector, MRA, in this particular instance, in view of the fact that the Office for Fair Competition had already issued a

ruling on this matter at a time when the Malta Resources Act was not yet in force, and the Malta Resources Authority was not yet constituted, adopts as an integral part of this Decision the ruling of the Office for Fair Competition of 2nd December 1999 with regard to the agreement between the petrol stations owners – members of GRTU. In view of the particular circumstances of this case indicated above, MRA is also communicating this Decision to the Office for Fair Competition;

»2. MRA declares that GRTU has no authority to act as regulator of the energy sector since this function is allocated to MRA exclusively in terms of law. Therefore GRTU's letter of 11th December 2001 addressed to *Hompesch Station Ltd* is *ultra vires* and without any regulatory legal effect. MRA undertakes to communicate this position to GRTU and to take all measures available to it at law to ensure that GRTU does not seek to carry out a function which by law is attributed solely to the Malta Resources Authority.

»3. With regard to the regulation of opening hours, MRA reiterates the argumentation laid out in the body of this decision and therefore states that the licence conditions issued by *Enemalta* were within its legal powers. A new development has occurred following the conclusion of the hearings and deliberations with regard to this matter. This new development relates to LN 102/2002 issued under the Trading Licences Act by the Minister of Economic Services. This Legal Notice reiterates the opening hours indicated in the licence modification issued by *Enemalta* on the 17th January 2001. This Legal Notice therefore consolidates the existing legal situation.

»4. With regard to the matter of the commission, *Enemalta*, acting in its regulatory capacity, did not carry out any discriminatory action insofar as the condition for the increase in commission was the provision by the station owners of a fully automated cash card acceptors as determined in the letter amending the licence. Withholding of this commission was a penalty associated with the breach of licence condition, and applied indiscriminately to whoever did not provide a fully automated service.

»5. With regard to the matter of the mode of distribution, as a matter of regulatory policy, MRA does not agree that tying an increase in commission to *one particular method* of distribution to the public is the correct technology-neutral approach that should be taken to encourage improvements in fuel distribution for the benefit of consumers.

»6. Accordingly, as the regulator of the sector, and in accordance with its powers under the law, MRA is undertaking a full review of the licensing conditions of this sector seeking to ensure better service to the public without imposing technology-specific requirements, and ensuring that, as long as the policy objectives are met, there is no withholding of commission on the basis of method of distribution.

»7. In partial execution of its reviewing of the licensing conditions of this sector, as indicated in 6 above, MRA, as regulator of the energy sector, hereby directs *Enemalta*, as an operator in this sector, with immediate effect, to pay the complainant the com-

> mission at the same rate as it pays other petrol station operators offering a twenty-four hour service to the consumer, for as long as the complainant offers a twenty-four hour service to the consumer, irrespective of the mode of operation of such a service.«[17]

59. Imbagħad b'direttiva 001/02/ED tas-7 ta' Novembru 2002, wara lment tal-attriċi, l-awtorità ordnat hekk:

> »1. With regard to the commission on fuel payable to petrol stations, *Enemalta*, with immediate effect, shall not discriminate between petrol stations on the basis of any particular method of distribution of fuel to the public;
>
> »2. Without prejudice to the generality of 1 above, *Enemalta*, with immediate effect, shall pay to *Hompesch Company Limited*, commission for fuel at same rate as it pays commission to other petrol stations offering a twenty-four hour service to the consumer, for as long as *Hompesch Company Limited* offers a twenty-four hour service.«[18]

60. Billi *Enemalta* ma qagħditx għad-direttiva, l-attriċi b'ittra tat-2 ta' Lulju 2003 talbet lill-awtorità "*to provide the remedy or remedies it considers appropriate in order to ensure that Enemalta observes the law and that it abides by MRA's decision of the 24$^{th}$ September 2002 and directive 001/02 of the 7$^{th}$ November 2002*"[19].

61. B'ittra tal-21 ta' Lulju 2003 l-awtorità għarrfet lill-avukat tal-attriċi illi "*in its communication of 18$^{th}$ July 2003 Enemalta has agreed to pay commissions in arrears from 7$^{th}$ November 2002*"[20].

62. Minkejja dan *Enemalta* baqgħet ma żammitx il-kelma. L-attriċi issa tgħid illi "minkejja li l-awtorità kienet konxja bl-aġir anti-kompetittiv tal-*Enemalta*, tant li tat deċiżjonijiet u ordnijiet lill-*Enemalta* (li ma ġewx

---

[17] *Foll.* 36 *et seqq.*

[18] *Fol.* 47.

[19] *Foll.* 34 *et seq.*

[20] *Fol.* 30.

segwiti), l-awtorità naqset illi tipprovdi rimedju effettiv biex jinqered aġir anti-kompetittiv". Ir-regolatur iwieġeb li ma kellux is-setgħa jagħmel iżjed minn hekk għax l-Avviż Legali li jirregola l-materja kien jippermetti dak li għamlet *Enemalta*. L-ewwel qorti warrbet l-argument tar-regolatur għar-raġuni li fissritha hekk:

> »[L-awtorità] tiddefendi ruħha billi tgħid ukoll li ma kellha ebda mekkaniżmu biex tenforza id-deċiżjoni tagħha u li ma setgħetx taġixxi awtonomament minħabba l-miżuri leġislativi mgħoddija.
>
> »Jirriżulta li l-awtorità kienet inġibditilha l-attenzjoni tagħha mis-soċjetà rikorrenti għal ksur li kien qed isir u hija kienet indikat lis-soċjetà rikorrenti li kienet se tipproċedi biex tittutela d-drittijiet tagħha billi infurmatha li "*the authority is in the process of over-viewing the whole regulatory regime of petrol stations, and it is our intention that the provisions included in the said Regulations relating to commercial activities regulated by MRA would be reviewed and incorporated in legislation subsidiary to the MRA Act as due. The implementation of the new regime is forseen to be in the short term*". Minflok, l-aġir anti-kompetittiv gie konsolidat f'liġi u *nonostante* l-wegħda tal-awtorità li tirregola s-sitwazzjoni għadda perijodu ta' żmien twil u l-awtorità baqgħet inattiva. Għalhekk anke l-awtorità trid twieġeb għat-talbiet tas-soċjetà rikorrenti billi bħala awtorita regolatriċi mwaqqfa bil-liġi, b'posizzjoni awtonoma, bl-inattività tagħha naqset li trazzan il-kompet-izzjoni inġust fis-suq, kif kien dover tagħha li tagħmel u tagħti rimedju effettiv lis-soċjetà rikorrenti.«

63. Rajna illi r-regolatur wieġeb li l-awtorità ma kellhiex is-setgħa tagħmel iżjed minn dak li għamlet kemm għax l-Avviżi Legali li jirregolaw il-materja kienu jippermettu dak li għamlet *Enemalta* u kif ukoll għax l-awtorità f'kull każ ma kellhiex setgħa tenforza d-deċiżjoni tagħha.

64. Rajna [21] illi l-Avviżi Legali jirregolaw il-ħinijiet li matulhom jistgħu jinżammu miftuħa l-pompi, kemm jekk awtomatizzati u kemm jekk le; ma jirregolawx il-ħlasijiet li jsiru minn *Enemalta*. Jekk l-attriċi billi żżomm il-pompa miftuħa f'ħinijiet li mhux suppost kienet qiegħda tikser il-liġi, din ħaġa li taraha l-pulizija, iżda ma jfissirx illi l-awtorità ma

[21] Para. 42 *et seqq.*, *supra*.

kellhiex is-setgħa li tordna lil *Enemalta* ma tkomplix iżżomm il-ħlas lill-attriċi. Fil-fatt l-awtorità mhux biss kellha dik is-setgħa iżda, kif rajna, inqdiet biha u ordnat lil *Enemalta* biex ma tkomplix bl-imġieba dis-kriminatorja tagħha.

65. L-argument li l-Avviżi Legali kienu jżommu lill-awtorità milli trażżan l-imġieba anti-kompetittiva għalhekk ma huwiex korrett. Il-kwistjoni mela hi jekk l-awtorità kellhiex is-setgħa ġġiegħel lil *Enemalta* toqgħod għall-ordni li tatha jew jekk is-setgħa tagħha kinitx biss li toħroġ l-ordni bla ma kellha s-setgħa li tara li jitwettaq.

66. Tassew illi meta l-Kap. 423 għadda b'liġi bl-Att XXV tal-2000 l-awtorità ma kellhiex setgħa li timponi sanzjonijiet. Dan iżda nbidel meta bl-art. 9 tal-Att XII tal-2007 żdied l-art. 31 li jgħid hekk:

> »**31.** (1) L-Awtorità tista' timponi penali amministrattiva fuq persuna li tikkommetti ksur ta' xi disposizzjoni ta' dan l-Att, ta' regolamenti magħmulin taħt l-Att jew ta' kull liġi oħra li l-Awtorità jkollha jedd tinforza, jew li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' xi direttiva jew deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità kemm jekk taħt dan l-Att, kemm b'regolamenti magħmulin taħt l-Att jew taħt kull liġi oħra li l-Awtorità jkollha jedd tinforza, jew li tonqos milli tosserva l-kondizzjoni ta' xi awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Att.«

67. L-awtorità mela, meta rat li *Enemalta* ma qagħditx għad-direttiva li tatha, kellha kull setgħa li timponi sanzjonijiet biex iġġegħelha toqgħod. Bil-fatt li baqgħet passiva quddiem l-isfida ta' *Enemalta* l-awtorità effettivament ippermettiet li *Enemalta* tkompli bl-imġieba tagħha.

68. Għalhekk, għallinqas wara l-2007, iffaċilitat in-nuqqas ta' *Enemalta* li tħallas il-*commission* sħiħa billi naqset milli tinqeda bis-setgħa tagħha

li twaqqfu. Għal dan in-nuqqas għandha twieġeb. L-aggravju huwa għalhekk miċħud, b'dan iżda illi r-regolatur bħala suċċessur tal-awtorità għandu jwieġeb biss għall-perjodu bejn l-20 ta' Lulju 2007, meta daħal fis-seħħ l-Att XII tal-2007 sad-9 ta' Awissu 2010, meta l-attriċi bigħet il-pompa: bejn wieħed u ieħor tliet snin.

69. Dak li għidna fuq dwar in-nuqqas tal-awtorità li timponi sanzjoni talli *Enemalta*, minkejja d-direttiva li ngħatatilha, baqgħet ma ħallsitx lill-attriċi *commission* b'rata sħiħa, jolqot biss id-danni minħabba ħlas ta' *commission* bin-nieqes, li għalihom iżda kif rajna[22] l-ewwel qorti ma llikwidat ebda kumpens u għalhekk fiċ-ċirkostanzi dan in-nuqqas tal-awtorità ma jista' jkollu ebda konsegwenza għall-effetti ta' dan l-appell.

70. Dwar id-danni minħabba t-tnaqqis fil-bejgħ – li għalihom l-ewwel qorti llikwidat danni – irridu qabel xejn naraw jekk wara l-2007 *Enemalta* kinitx responsabbli għal dawk id-danni, għax, jekk ma kienx għemil jew nuqqas ta' *Enemalta* li wassal għat-telf ta' dak iż-żmien, ikun inutli li l-awtorità timponi sanzjoni fuq *Enemalta* biex tibdel dak l-għemil jew nuqqas. Ġà rajna, iżda[23], fil-konsiderazzjonijiet dwar l-aggravju relattiv ta' *Enemalta*, illi din ma tweġibx għat-telf minħabba tnaqqis fil-bejgħ li seħħ wara l-2002. Għalhekk ma jistax jingħad illi n-nuqqas tal-awtorità li tinqeda bis-setgħa tagħha li timponi sanzjoni fuq *Enemalta* fl-2007 ikkontribwixxa għat-telf li ġarrbet l-attriċi minħabba tnaqqis fil-bejgħ.

---

22 Para. 47, *supra*.

23 Para. 48 *et seqq.*, *supra*.

71. F'dan is-sens għalhekk l-aggravju tal-attur għandu jintlaqa': minħabba nuqqas ta' responsabilità fil-każ tad-danni minħabba t-tnaqqis fil-bejgħ, u għax ma ġewx mill-ewwel qorti likwidati danni minħabba l-ħlas ta' *commission* bin-nieqes fil-każ ta' dawk id-danni.

72. L-aggravju li jmiss tar-regolatur jolqot il-likwidazzjoni tad-danni. Billi, għar-raġunijiet mogħtija fil-konsiderazzjonijiet dwar l-aggravju ta' qabel dan, ma hemmx danni x'jiġu likwidati, ma huwiex meħtieġ li nqisu dan l-aħħar aggravju.

73. Imiss issa li nqisu l-appell tal-*union*. L-ewwel aggravju jolqot is-sejbien ta' responsabilità u ġie mfisser hekk:

> »Is-sentenza mogħtija in prim istanza tordna lill-intimati kollha, inkluża l-appellanti, li jħallsu d-danni likwidati mill-ewwel qorti. Dawn id-danni gew ikkalkolati fuq medda ta' żmien, senjatament minn April 2003. Dan għalhiex l-ewwel qorti ibbażat il-kalkolu ta' ġranet tagħha – li tagħhom kellhom jiġu mħallsa d-danni lis-soċjetà appellanti – minn meta s-soċjetà appellanti iffirmat ftehim mal-Korporazzjoni *Enemalta* fis-27 ta' Marzu 2003.
>
> »Il-*union* appellanti madanakollu tinsisti illi hi ma setgħet qatt legalment tinżamm responsabbli għad-danni li soffriet is-soċjetà appellanti minn April 2003 sa meta bigħet il-*petrol station* tagħha. Dan senjatament għalhiex il-*GRTU* ma kellha assolutament l-ebda kontroll (u ma jista' qatt ikollha) fil-vertenza li kellha s-soċjetà appellanti mal-awtoritajiet konċernati. … … … [Ġ]à kien hemm deċiżjonijiet eżekuttivi u leġislativi li ttieħdu mill-awtoritajiet pubbliċi, indipendentement minn parir jew talba tal-*GRTU*, ġà snin qabel il-ftehim tas-27 ta' Marzu 2003.
>
> »Fattwalment, l-aħħar involviment li kellha l-*GRTU*, dejjem f'isem il-membri tagħha ossija s-Sezzjoni tas-Sidien tal-Pompi tal-*Petrol*, kienet permezz taċ-ċirkolari mibgħuta lill-membri tagħha fil-11 ta' Frar 1999. Din iċ-ċirkolari lanqas ma tista' titqies bħala xi proċedura li setgħet iġġiegħel lill-gvern li jadopera xi proċeduri involontrjament. Għalhekk fil-verità l-uniku rwol attiv li kellha l-*GRTU* kien fl-iffirmar tal-ftehim tat-18 ta' Marzu 1997, li kien jirrispekkja biss ir-rieda tal-membri tagħha u x-xewqa tal-gvern tal-ġurnata, li permezz tal-organu tiegħu u regolatur, il-Korporazzjoni *Enemalta*, kien irregola l-introduzzjoni tal-pompi awtomatiċi f'pajjiżna. Il-*GRTU* kienet qed teżerċita biss l-irwol tagħha fis-soċjetà illi tiftiehem mal-gvern u/jew mal-awtoritajiet pubbliċi kompetenti fl-aħjar interessi tal-membri tagħha.
>
> »Sa dak iż-żmien fejn il-*union* appellanti kienet involuta fl-introduzzjoni tal-*automatic pumps*, ċjoè sad-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni

Ġusta tat-2 ta' Diċembru 1999, is-soċjetà appellata lanqas biss kienet daħlet fl-istampa u ma kellha l-ebda relazzjoni ġuridika mal-appellanti peress illi akkwistat il-pompa in kwistjoni mingħand *Velga Brothers Limited* fl-10 ta' Mejju 2000 - ossija aktar minn ħames (5) xhur wara.

»L-appellanti tħoss ruħha aggravata mill-fatt illi permezz tas-sentenza appellata hija qed tinżamm responsabbli għall-ħlas tad-danni għall-għemil (jew nuqqasijiet) tal-awtoritajiet u/jew regolaturi pubbliċi li ttieħdu wara li ttieħdet l-ewwel deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta fit-2 ta' Diċembru 1999. Il-*GRTU* m'għandhiex poteri eżekuttivi jew leġislativi u m'hijiex regolatur u għalhekk mill-ġurnata li ngħatat dik id-deċiżjoni kien unikament u esklussivament f'idejn il-gvern u l-istat u l-organi tiegħu illi jirregola l-posizzjoni tiegħu *vis-à-vis* id-deċizjoni tal-Uffiċċju tel-Kompetizzjoni Ġusta.

»Kif ben risaput, il-*GRTU* hija biss waħda mill-imsieħba soċjali li tirrappreżenta lil min iħaddem. Kull pass li ttieħed mid-data ta' dik id-deċiżjoni (fit-2 ta' Diċembru 1999) kienet f'idejn il-gvern, fejn kellu *black and white* deċiżjoni mill-*forum* idoneju li huwa kellu jieħu l-mizuri neċessarji sabiex jirregola l-posizzjoni tiegħu. Għalhekk l-appellanti umilment tissottometti illi ma setgħet qatt tiġi ordnata tħallas id-danni allegatament subiti mis-soċjetà appellanti f'perijodu li beda jiddekorri iktar minn erba' (4) snin wara d-deċiżjoni meħuda mill-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta.

»L-appellanti tabilħaqq għandha ssemmi kronoloġikament il-miżuri soġġettivi u awtonomi li ħa l-gvern fis-snin wara d-deċiżjoni tal-1999 tal-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta:

»(i) 17 ta' Jannar 2001: il-Korporazzjoni *Enemalta* daħħlet klawżola fil-kundizzjonijiet tal-liċenzji tal-pompi tal-*petrol*. Il-*union* appellanti m'għandha assolutament l-ebda responsabbiltà legalment għal dan l-aġir;

»(ii) 2 ta' Mejju 2002: daħlu fis-seħħ ir-Regolamenti tal-2002 dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ. Il-*union* appellanti m'għandha assolutament l-ebda responsabbiltà legalment fuq id-deċiżjonijiet meħuda mill-leġis-latur;

»(iii) 7 ta' Novembru 2002: *MRA* ordnat lill-Korporazzjoni *Enemalta* sabiex tirrevedi l-metodi ta' tqassim ta' kummissjonijiet lill-pompi; madanakollu l-Korporazzjoni *Enemalta* baqgħet inadempjenti. Il-*union* appellanti m'għandha assolutament l-ebda responsabbiltà legalment għal dan l-aġir;

»(iv) 27 ta' Novembru 2002: il-Korporazzjoni *Enemalta* talbet lill-appellata sabiex tiffirma dikjarazzjoni li kienet ser tuża biss il-pompi awtomatiċi wara l-ħinijiet tal-ftuħ skond il-liġi. Il-*union* appellanti m'għandha assolutament l-ebda responsabbiltà legalment għal din it-talba;

»(v) 27 ta' Marzu 2003: l-appellata tiffirma din id-dikjarazzjoni li ser tikkonforma mar-regolamenti viġenti. Il-*union* appellanti m'għandha assolutament l-ebda responsabbiltà legalment għal dan l-aġir;

»(vi) 6 ta' Jannar 2006: jidħlu *in vigore* r-Regolamenti tal-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ, li fihom jibqgħu regolati l-ħinijiet tal-ftuħ tal-pompi tal-*petrol*. Għal darb'ohra, il-*union*

appellanti m'għandha assolutament l-ebda responsabbiltà legalment fuq id-deċiżjonijiet meħuda mil-leġislatur.

»Il-*union* appellanti tissottometti wkoll illi d-deċiżjonijiet kollha li ttieħdu bejn l-1999 u l-2009 mill-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta kif ukoll mill-Uffiċċju tal-Kummerc Ġust kellhom jiġu indirizzati mill-gvern u mill-organi tiegħu. Il-*GRTU* ma setgħet qatt (kif ġà ġie sottomess) tieħu kwalunkwe deċiżjoni arbitrarja jew passi sostantivi sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni li minnha lmentat is-soċjetà appellata. Għalkemm jeżistu dawn id-deċiżjonijiet li jorbtu n-nuqqasijiet tal-gvern u tal-awtoritajiet, regolaturi u korporazzjonijiet tiegħu, mal-ftehim li kien sar mal-Korporazzjoni *Enemalta* u l-*GRTU* fl-1999, ma jfissirx assolutament li b'mod awtomatiku għandha tinżamm il-*union* appellanti responsabbli għal kwalunkwe dannu li setgħet soffriet is-soċjetà appellata tul is-snin.«

74. L-attriċi wieġbet hekk:

»… … … Essenzjalment, il-*union* qed tgħid illi … l-aġir li qed tilmenta minnu l-appellata *Hompesch Station Limited* kien attribwibbli lil entitajiet governattivi. … … …

»L-appellata *Hompesch Station Limited* ma taqbilx mal-posizzjonl illi qed tieħu l-*union* appellata u, qabel xejn, ir-responsabbilità tal-konvenuti, inkluż dik tal-*union* appellanta, ġà ġiet stabbilita u ppruvata bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust tad-29 ta' Marzu 2010. L-esponenti tfakkar ukoll illi d-deċizjoni tal-kummissjoni ikkonfermat *ex novo* konklużjonijiet preċedent! li kien ġà wasal għalihom id-Direttur tal-Ufflċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta wara li investiga il-każ in eżami.

»L-esponenti żżid tgħid illi l-*GRTU* qatt ma ttentat tikkontesta d-deċiżjonijiet imsemmija u għalhekk fil-konfront tagħha hemm deċiżjoni tal-kummissjoni – li hija l-ogħla awtorità fil-qasam tal-liġi dwar il-kompetizzjoni – li hija finali.

»Li kieku l-*GRTU* ppruvat b'xt mod tressaq quddiem il-Prim' Awla f'din il-kawża xi prova li tittenta xxejjen il-konklużjonijiet tal-kummissjoni, forsi wieħed jifhem il-pożizzjoni li issa qed tadotta f'dan l-appell. Madanakollu, hija lanqas imqar għamlet dan u issa qiegħda tippretendi illi tiġi meħlusa mir-responsabbilità abbażi ta' argumenti illi hija ma ressqet ebda ħjiel ta' prova biex issostnihom.

»Tajjeb għalhekk illi wieħed itenni dik il-parti tad-deċiżjoni tal-kummissjoni illi l-kummissjoni sejħiet "sinteżi tar-riżultanzi mill-ottika tal-liġi dwar il-kompetizzjoni ġusta" u li fiha ġabret l-essenza tal-fatti qabel id-*decide* finali:

»… … …[24]

»Jerġa' jingħad illi l-*GRTU* ma attakkatx din id-deċiżjoni u lanqas ressqet provi biex ixxejjen dawn il-konklużjonijiet.

»L-istess konklużjonijiet waslet għalihom l-ewwel qorti fis-sentenza appellata. Il-qorti osservat kif gej:

24 Is-sinteżi hija riprodotta f'para. 31, *supra*.

»“L-azzjoni mressqa mis-soċjetà rikorrenti tittratta l-kwistjoni dwar l-għoti ta’ kummissjoni inqas mill-korporazzjoni lil dawk id-distributuri li ma jużawx is-sistema awtomatika wara ċertu ħinijiet u fil-festi u l-Ħdud. Il-korporazzjoni rabtet l-eliġibilità għal ħlas ta’ ċerta kummissjoni mal-mod ta’ distribuzzjoni tal-karburant b’konsegwenzi finanzjarji negattivi għas-soċjetà rikorrenti. Għal-hekk il-korporazzjoni trid twieġeb għal dan l-allegat aġir anti-kompetittiv li kkawża danni lis-soċjetà rikorrenti.

»“L-istess trid twiegeb il-*GRTU* li kienet parti f’dan il-ftehim anti-kompetittiv li kien ta’ preġudizzju għad-drittijiet tas-soċjetà rikorr-enti, u bil-ftehim li hija għamlet mal-Korporazzjoni *Enemalta* intralċjat fid-drittijiet tar-rikorrenti milli teżerċita d-drittijiet privati tagħha f’suq liberu u ġiet prekluża milli tinnegozja liberament il-kummissjoni dovuta lilha mill-korporazzjoni.”

»L-esponenti ssostni illi din il-konkluzjoni hija ġusta u timmerita konferma … … …«

75. L-argument ewlieni f’dan l-aggravju huwa essenzjalment l-istess argument li fuqu kien imsejjes l-ewwel aggravju ta’ *Enemalta*, *viz.* illi wara d-dħul fis-seħħ tal-Avviżi Legali, kien l-effett ta’ dawk l-Avviżi Legali, u mhux l-għemil jew nuqqas tal-appellanti, li wassal biex jonqos il-bejgħ u, konsegwentement, il-qligħ tal-attriċi [25].

76. L-attriċi iżda tgħid illi “r-responsabbilità tal-konvenuti, inkluż dik tal-*union* appellanta, ġà ġiet stabbilita u ppruvata bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust tad-29 ta’ Marzu 2010”.

77. Huwa minnu illi d-deċiżjoni tal-kummissjoni li l-għemil tal-konvenuti kien wieħed anti-kompetittiv hija deċiżjoni li torbot kemm lill-qorti[26] u kemm lill-partijiet li dehru fil-każ quddiem il-kummissjoni. Madankollu, xorta biex din il-qorti tikkundanna lil xi parti għall-ħlas ta’ danni huwa meħtieġ li tintwera r-rabta ta’ kawżalità bejn dak l-għemil u d-danni li ġarrbet l-attriċi.

---

25 Para. 48, *supra*.

26 Para. 18 *et seqq.*, *supra*.

78. Ġà rajna, fil-konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel aggravju ta' *Enemalta* fuq dan il-punt, illi, wara d-dħul fis-seħħ tal-Avviżi Legali, il-kawża waħdanija tat-telf li ġarrbet l-attriċi kienu dawk l-Avviżi Legali billi, f'dak il-waqt, xejn li setgħet għamlet jew ma għamlitx l-appellanti ma kien sejjer jibdel il-fatt illi l-attriċi ma setgħetx legalment tħaddem is-sistema semi-awtomatiku, li kien il-fatt li wassal għat-telf fil-bejgħ mill-pompa tal-attriċi. Tonqos għalhekk – għallinqas b'seħħ minn meta daħlu fis-seħħ l-Avviżi Legali – ir-rabta ta' kawżalità bejn l-għemil jew nuqqas tal-appellanti u d-danni mġarrba mill-attriċi. Billi l-Avviżi Legali kienu fis-seħħ għaż-żmien kollu li għalih l-ewwel qorti llikwidat danni, ebda sehem minn dawk id-danni ma jista' jiġi attribwit lill-*union*.

79. F'dan is-sens għalhekk l-aggravju għandu jintlaqa', u ma jibqax meħtieġ li nqisu l-aggravji l-oħra tal-*union.*

80. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk tipprovdi dwar l-appelli tal-konvenuti:

    i. tilqa' l-appell tal-ministru u tħassar is-sentenza appellata fejn din ċaħdet l-eċċezzjoni li l-ministru mhux kontradittur leġittimu u, minflok, tilqa' dik l-eċċezzjoni u teħles lill-ministru mill-ħarsien tal-ġudizzju;

    ii. tilqa' l-appell ta' *Enemalta* biss safejn din ikkontestat ir-responsabilità għall-ħlas tad-danni likwidati mill-ewwel qorti, u għalhekk, fil-waqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn ċaħdet l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa minn *Enemalta*,

tħassar is-sentenza fejn din ikkundannat lil *Enemalta* tħallas id-danni likwidati;

iii. tilqa' l-appell tar-regolatur safejn dan ikkontesta r-responsabilità għad-danni, u għalhekk tħassar il-parti relattiva tas-sentenza;

iv. tilqa' l-appell tal-*union* u għalhekk tħassar is-sentenza fejn din sabet lill-*union* responsabbli għad-danni li ġarrbet l-attriċi u kkundannatha tħallas id-danni relativi.

81. L-ispejjeż tal-ministru, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, tħallashom l-attriċi; l-ispejjeż tal-*union*, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, tħallashom l-attriċi; l-ispejjeż l-oħra, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, jinqasmu bin-nofs bejn l-attriċi min-naħa l-waħda u r-regolatur u *Enemalta* min-naħa peress illi wħud mill-eċċezzjonijiet u aggravji mressqa minn dawk il-konvenuti ġew miċħuda.

Giannino Caruana Demajo
President

Tonio Mallia
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
gr